IL-GHID TAL-ASSUNTA

L-ERBGHA U ERBGHIN SENA

44 (2009)

www.gozocathedral.org.mt

Joseph Caruana Co. Ltd

IMPORTERS - EXPORTERS OF

Building Materials
Ceramic Tiles - Bathroom Accessories
Timber - Steel

"Caruana Buildings", Mgarr Road, Victoria, Gozo.
Tel: 2156 0019, Fax: 2155 7464
E-mail: joscar@onvol.net

Caruana Stores, Industrial Estate,
Handaq Road, Qormi.
Tel: 2148 8824, Fax: 2144 1446

www.gozocathedral.org.mt

IL-GĦID TAL-ASSUNTA

44 (2009)

Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 1820

Tel • 2155-4101
Fax • 2156-4572
Radju Katidral Tel • 2156-5550
Librerija Katidral Tel • 2156-0479

Home-page:
http://www.gozocathedral.org.mt
http://www.radjukatidral.com

Editur
JOSEPH BEZZINA

Reklami
UFFIĊJU PARROKKJALI

Proof Reading
TONI CALLEJA
DUN GEORGE MERCIECA

Setting
ERIC DE BONO

Ritratt tal-qoxra
San Pawl jitlob l-interċessjoni tal-Assunta fuq il-Katidral - ir-rigal tal-Kapitlu Katidrali lill-Mons. Isqof Mario Grech; pittura ta' Pawlu Camilleri-Cauchi.

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL: 2155-2219 • 7955-2219

© ***Copyright***
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TAL-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGĦUX JIGU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGĦAJR IL-PERMESS TAL-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI M'HUMIEX NEĊESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI

Ġrajja ta' swied il-qalb

Il-festa ta' Santa Marija reġgħet waslet. Xtaqna ħafna li nagħtukhom aħbar ta' ferħ dwar il-*Kumpless Papa Piju IX* u l-*parking* propost mill-amministrazzjoni tal-Katidral. Iżda, għal darb'oħra l-aħbar hi waħda ta' swied il-qalb. Il-problemi għadhom mhumiex solvuti. U mis-sena l-oħra 'l hawn ma sar ebda pass 'il quddiem, anzi wieħed lura!

B'ittra tas-26 ta' Marzu, 2009, il-MEPA – il-*Malta Environment and Planning Authority* – għal darb'oħra, kif igħidu l-Ingliżi, *moved the goalposts,* ċaqalqet il-lasti, jiġifieri biddlet il-kundizzjonijiet tal-proġett.

Dr Lawrence Gonzi, il-Prim Ministru ta' Malta, dan l-aħħar stqarr li "r-riforma (tal-MEPA) għandha tkun ibbażata fuq il-kredibbilità, l-effiċjenza, u l-konsistenza. Ir-riforma se twassal – kompla – għal bidliet radikali f'din l-Awtorità, inkluż li jitnaqqas iż-żmien ta' stennija" (ara *Il-Mument* (21 ta' Ġunju, 2009) p.3).

Dr Gonzi, minn fommok, għal fomm Alla. Il-Katidral applika għall-proġett fid-29 ta' Settembru, 2003; jiġifieri **sitt snin ilu.** Il-Katidral, min-naħa tiegħu: (1) ħesta l-pjanti kollha mitluba; (2) ġab wieħed mill-aqwa professuri tal-*landscaping* fl-Ewropa biex ħejja pjanta li turi li l-*parking* ma jħallix impatt viżiv negattiv; (3) għamel l-EIA, l-*Environment Impact Assessment,* li sewa lill-Katidral mal-€50,000 – ħamsin elf Ewro; (4) ħallas għaxriet ta' eluf ta' Ewro fi spejjeż oħra.

Minkejja dan, il-MEPA għadha ma ħarġitx il-permessi. Agħar u agħar, saru diversi **inġustizzji** mal-Katidral. Insemmu tnejn. **L-ewwel:** żewġ kumplessi enormi f'Malta u Għawdex ma ntalbux l-EIA, minkejja li t-tnejn kienu skedati bħala ta' interess arkeoloġiku mil-Liġi tal-Antikitajiet (1925). Il-post tal-*parking* tal-Katidral ma kienx skedat, minkejja dan intalab l-EIA. **It-tieni:** art barra l-Imdina, Malta, li taħtha hemm **żgur** fdalijiet Rumani, ingħatat għal *parking*; għall-*parking* tal-Katidral, barra l-*Imdina* ta' Għawdex, inħolqu ħafna ostakli għax **forsi** hemm fdalijiet u l-permess għadu ma ngħatax. Kellu elf raġun il-Prim Ministru iħaqqaq fuq "il-kredibbilità, l-effiċjenza, u l-konsistenza".

Ir-riforma tal-MEPA tħabbret il-Ħamis, 9 ta' Lulju. Nitolbu ħafna 'l Santa Marija ħalli l-MEPA tifhem il-ħtieġa kbira tal-parking u ma tkomplix tippostponi l-ħruġ tal-permess.

Nagħlaq b'nota pożittiva.

- Nifirħu lill-E.T. Monsinjur Mario Grech, isqof ta' Għawdex, f'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu u nitolbu 'l Santa Marija tkompli tgħinu fil-ħidma tiegħu.
- Nifirħu wkoll lil Maximillian Grech li, għal dawn l-aħħar snin, kien l-assistant editur tiegħi u li kien ordnat djaknu nhar it-23 ta' Ġunju.

B'artiklu, li jibda kif taqleb il-paġna, qegħdin nibdew it-tħejjija għall-għeluq **tat-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-Katidral** nhar l-14 ta' Awwissu, 1711. Nittamaw li din l-**erbgħa u erbgħin ħarġa** ta' *Il-Għid tal-Assunta* togħġobkom u tapprezzaw l-isforz kbir li jsir minn diversi biex din ir-rivista tkun f'idejkom.

Il-festa t-tajba!

www.gozocathedral.org.mt



ĦIENJA INT GĦAX EMMINT

Il-virtujiet kollha li kellha Ommna Marija, huma stedina sabiħa, għal dawk kollha devoti ta' Santa Marija, biex jippruvaw jimitawha f'ħajjithom. Mhux faċli għalina l-Insara u wlied Santa Marija li nkunu hekk maturi li nixbhu lilha.

Din is-sena, għall-festa tagħna ta' Santa Marija, nixtieq li l-komunità parrokkjali tirrifletti u tagħmel eżami tal-kuxjenza fuq waħda mill-virtujiet kbar li suppost aħna għandna jiġifieri l-fidi, il-fidi Nisranija.

Aħna nemmnu li l-Verġni Marija twieldet mingħajr dnub oriġinali, iżda xorta waħda kellha bżonn tal-fidi, anzi ta' fidi kbira biex setgħet twettaq il-missjoni unika li kellha skont il-pjan li Alla l-Imbierek ħejja għaliha.

Kellha raġun Santa Eliżabetta, u warajha l-Knisja kollha, tistqarr li Marija hija dik il-mara hienja għax emmnet dak kollu li ntqal lilha mill-Mulej. Bil-fidi soda u matura tagħha, Marija ssir mudell u tron ta' fidi għall-Insara tul iż-żminijiet. Dan għandu jkun għal kull wieħed u waħda minna tal-kommunità parrokkjali tal-Katidral sfida biex insaħħu l-fidi u nikbru fiha.

Kif tikber u tissaħħaħ fil-fidi?

It-tagħlim tal-Knisja llum, mill-Papa għall-isqfijiet qed jisħaq fuq l-evanġelizzazzjoni ġdida u katekeżi sistematika għal kulħadd, kif smajna ħafna drabi dan l-aħħar matul il-Missjoni Djoċesana. Issa hu ż-żmien opportun biex fil-parroċċa tagħna nkomplu noffru strumenti oħra biex aħna l-Insara nimxu dejjem 'l quddiem u nikbru fil-fidi.

Hu meħtieġ li flimkien mal-*Lectio Divina* li diġà bdiet tliet snin ilu, jinħolqu gruppi oħra ta' katekeżi għall-kbar. Il-katekeżi permanenti, flimkien mal-liturġija u l-karità, hija l-qofol u s-sisien tal-Knisja. Għalhekk, jekk irridu li l-parroċċa tagħna tkun aktar ħajja u sabiħa, hemm bżonn li nifthu qlubna għas-smiegħ tal-Kelma ta' Alla.

Hekk għamlet Ommna Santa Marija. Infatti fil-Vanġelu nsibu li Marija "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha". Hekk hemm bżonn li nagħmlu aħna wkoll. Għalhekk f'Settembru/Ottubru li ġej, fil-parroċċa tagħna ser tkun imħabbra katekeżi sistematika għall-kbar. Din diġà teżisti f'parroċċi oħra u qiegħed isir ħafna frott pastorali. Jiena konvint ħafna mill-importanza ta' din il-ħidma u fiduċjuż fil-parteċipazzjoni tagħkom.

Jekk inkunu maturi fil-fidi u nikbru fit-tagħlim Nisrani, nistħajjel li Santa Marija tkun tista' tgħid lil kull wieħed minna: "Henjin intom li temmnu f'dak kollu li ngħad lilkom mill-Mulej".

Il-festa t-tajba u l-paċi magħkom!

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA

Lejn it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-Katidral:
IL-BENNEJJA TA' TLIET MITT SENA ILU

Nhar l-14 ta' Awwissu, 2011, jekk il-Bambin irid, jaħbat it-tielet ċentinarju mill-ftuħ tal-knisja l-ġdida – ftuħ imfakkar b'mod prominenti mill-iskrizzjoni li hemm fuq il-fonti tal-magħmudija, hekk kif tidħol fil-Katidral fuq ix-xellug. Din l-istess skrizzjoni tfakkar ukoll it-tqegħid tal-Ewwel Ġebla. Il-knisja l-ġdida inbniet fuq pjanta tal-magħruf arkitett Malti Lorenzo Cafà. B'din il-kitba, nibda serje ta' artikli bi tħejjija għal dan it-triċentinarju.

Lorenzo Cafà (1638-1704)

1 • L-isfond

F'din il-kitba sejrin nitkellmu fuq il-knisja l-ġdida – il-Katidral ta' llum. Qabel il-binja preżenti kien hemm diversi oħrajn.

Hemm ħjiel li fuq il-post kien hemm tempju ddedikat lill-allat sa miż-żmien preistoriku tal-gżejjer Maltin, jiġifieri minn madwar is-sena 5000 sas-sena 700 QK. Fl-istess inħawi, il-Kartaġiniżi tellgħu tempju ddedikat lill-alla Astarte u r-Rumani, li ħakmu 'l Malta u Għawdex fis-sena 216 QK, għamlu mill-għolja taċ-Ċittadella l-Akropoli ta' Għawdex. Huma wkoll tellgħu tempju lil Ġunone, omm l-allat. Fi żminijiet mhux magħrufa, l-ewlenin Kristjani Għawdxin tellgħu knisja lill-Madonna, omm Alla.

Din il-knisja ħadet ir-ruħ tul il-ħakma tal-Biżantini bejn is-snin 535 u 870 WK. Din il-knisja spiċċat tul il-ħakma Għarbija bejn is-snin 870 u 1091 WK. Iżda issa għandna ħjiel li r-reliġjon Kristjana ma ntemmitx għal kollox.

Mal-wasla tan-Normanni fis-sena 1091 u mal-affermazzjoni sħiħa tagħhom fuq l-arċipiergu Malti fis-sena 1127, il-Kristjaneżmu reġa' ħa r-ruħ. Issa nafu b'ċertezza li lejn is-sena **1135** Għawdex kellu l-isqof tiegħu. Fis-sena **1299**, għandna prova li fiċ-Ċittadella kien hemm knisja tiffunzjona ta' parroċċa. Fis-sena **1398**, il-festa ta' Santa Marija kienet il-fulkru tal-ħajja soċjali f'Għawdex. Fis-sena **1435**, il-knisja ewlenija taċ-Ċittadella kienet iddedikata lil Santa Marija u nafu wkoll li kienet Matriċi ta' Għawdex kollu. Fis-sena **1463**, għandna tagħrifa li din il-knisja Matriċi kienet ilha s-snin kolleġġjata.

Il-knisja nbniet, issewwiet, waqgħet, u nbniet mill-ġdid iktar minn darba. Lejn is-sena 1680, kien deċiż li tinbena mill-ġdid. Il-proċess kellu jitgħaġġel għax l-istruttura ġarrbet ħsarat kbar waqt it-terremot ta' Jannar **1693**.

2 • Reġistru importanti

Din il-kitba hi bbażata fuq reġistru importanti intitolat *Conti della fabbrica della Chiesa Matrice* u li jibda proprju mill-ħlasijiet magħmula fis-sena 1697. Kien proprju nhar il-21 ta' Settembru, 1697 – festa ta' San Mattew, appostlu u evanġelista – li kienet tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex.

Minn dan ir-reġistru nafu minn kien l-imgħallem tal-bini tul is-snin kollha li l-

www.gozocathedral.org.mt

knisja damet tinbena, nafu kemm kienu jaħdmu nies fuqha, nafu kemm kienu jitħallsu fil-ġimgħa. Fi ftit kliem, għandna tagħrif dettaljat dwar il-binja tal-knisja l-ġdida, binja li 'l quddiem, fis-16 ta' Settembru, 1864, kellha tintgħażel mill-Papa Piju IX bħala l-Katidral tad-djoċesi ta' Għawdex.

Tagħrif sħiħ dwar dan kollu nisperaw, jekk il-Bambin irrid, li nippubblikawh f'ħarġa speċjali.

3 • Il-ħlas tliet mit sena ilu

F'din il-ħarġa sejrin nanalizzaw kont ta' ġimgħa waħda, il-ħlasijiet tal-ġimgħa mit-Tnejn, 29 ta' Lulju, sas-Sibt, 3 ta' Awwissu, 1709, jiġifieri l-ħlas li sar preċiżament tliet mitt sena ilu (folju 88v). Il-ħaddiema kienu jitħallsu regolarment kull nhar ta' Sibt. Meta s-Sibt kienet taħbat festa kkmandata, il-ħlas kien isir il-Ġimgħa.

Din li ġejja hi traskrizzjoni tal-kont li qegħdin nirriproduċu fotografikament ma' dan l-artiklu.

Adi 3 agosto 1709, giorno di Sabbato

A Mastro Matthia Habela per suo travaglio	**Scudi 2**
A Natale Saliba	**Scudi 1 tarì 07 grani 10**
A GioAndrea Grech	**Scudi 1**
A Salvatore Gatt	**Scudi 0 tarì 10**
A Antonio Grech	**Scudi 0 tarì 09**
A Michele Grech	**Scudi 0 tarì 07 grani 10**
A Ramondo Curmi	**Scudi 0 tarì 06**
A Paulo e Giovanne Paci bordanari per viaggi 104 a grani 9 l'uno	**Scudi 2 tarì 02**
Alli sudetti per viaggi 36 per grani 10 l'uno	**Scudi 1 tarì 04**
Alli sudetti per viaggi 3 viaggi di calesse	**Scudi 0 tarì 05 grani 12**
[Total]	**Scudi 11 tarì 03 grani 12**

Canonico Cumbi, deputato
Grima, deputato
Xicluna, deputato
Jo Don Pietro Paolo Cifai, deputato

4 • Il-flus fi żmien il-Kavallieri

Billi sejrin insemmu l-flus ta' żmien il-Kavallieri, nispjegawhom fil-qosor. Dik il-ħabta, il-flus kienu ta' erba' denominazzjonijiet. Bil-Malti u bit-Taljan (fil-parentesi)

Ħabba **tal-Granmastru Ramon Perellos maħruġa fis-sena 1709, tliet mit sena ilu; fuq quddiem, madwar Salib ta' Malta, il-kelmiet** IN HOC SIGNO MILITAMVS – **fuq wara, madwar il-Ħaruf ta' San Ġwann, il-kelmiet** RECTAM FACIT SEMITAM.

kienu jissejħu hekk: skut (scudo), irbiegħi (tarì), ħabba (grano), u dinier (picciolo). Illum l-affarijiet eħfef għax għandna l-**Ewro,** denominazzjoni waħda biss. **Skut** kien fih 12-il irbiegħi; **irbiegħi** kien fih 20 ħabba; **ħabba** kien fiha sitt **idwiener**.

Fi flus tal-lum, **skut** jiġi **€0.194.** Imħabba l-inflazzjoni dan ma jfisser xejn. Biex wieħed jieħu idea tal-veru valur tal-flus, insemmu ħaġa waħda. Paga ta' sena ta' ħaddiem regolari, għalhekk iktar minn paga minima, kienet ta' 60 skut fis-sena.

5 • Ħlasijiet tajbin

L-imgħallem jew il-bennej ewlieni kien Mastro Matthia Habela. Ix-xogħol prinċipali tiegħu kien li jibni. Iżda, barra dan, kien hu wkoll li jħażżes kulma kien hemm bżonn u li jipprepara l-mollijiet, jew forom tal-kartun jew tal-landa għal ġebel tal-irkaptu, jiġifieri tax-xogħol mhux dritt, jew li jeħtieġ il-lavur. Dawn kien jgħaddihom lin-naġġara tal-irkaptu biex jaħdmu minn fuqhom. Kellu paga ta' żewġ skuti fil-ġimgħa. Dan ifisser li f'sena l-bennej kellu mad-doppju ta' paga normali.

It-tieni hu Natale Saliba. Ma jissejjaħx mastru, iżda ma kienx ħaddiem komuni u, fil-fatt, ingħata ħlas ta' skut, 7 irbgħajja, 10 ħabbiet. Dan wisq probabbli kien l-imgħallem li jħejji l-armar għall-bennej biex isib ix-xogħol lest ħalli l-ħaddiema jkomplu jibnu bla telf ta' żmien prezzjuż.

Wara dawn it-tnejn, jiġi grupp ta' ħames

www.gozocathedral.org.mt



ħaddiema li tħallsu minn skut sa nofs skut. GIOANDREA GRECH, li bil-Malti kien jissejjaħ Ġandrija, tħallas skut; Salvatore Gatt ħa 10 irbgħajja; Antonio Grech ħa 9 rbgħajja; Michele Grech ħa 7 rbgħajja; Ramondo Curmi ħa 6 rbgħajja (nofs skut).

Fost dawn il-ħaddiema kien hemm l-ewwelnett **in-naġġara**, dawk li kienu jonġru x-xulliel, jiġifieri l-ġebla minġura minn wiċċ wieħed, u jlestuh għat-tqegħid. Kien hemm ukoll **il-manwala,** dawk li jġorru l-ġebel. Dan kienu jġorru fuq spallejhom sa sular; imbagħad bil-menża jew taż-żewġ jew taż-żewġejn – jiġifieri ġebla mdendla b'ħabel minn bastun fuq spallejn żewġ manwala; jew, fil-każ ta' ġebel kbir ħafna, minn bastun fuq spallejn erbgħa.

Fost dawn il-ħaddiema, kien hemm ukoll il-grupp tat-tajn u tal-ilma. Kienu jużaw kwantità kbira ta' tajn u ilma biex jimlew l-imramma tajjeb. It-tajn għall-mastizz ried ikun srew, jiġifieri mifqugħ, ħalli jimla kull vojt bejn il-bċejjeċ żgħar tal-ġebel li jkunu ntefgħu fl-imramma.

Ma' dawn kien hemm żewġ ħaddiema oħra, żewġ burdnara, l-aħwa PAULO u GIOVANNE PACI. Il-burdnara kienu jġorru l-ġebel mill-barriera. Dan kien isir jew bil-barrin jew bil-bgħula. Il-ġebel kien jinġarr jew fuq karru tal-ħadid jew inkella bil-pennell, imdendla fuq kull naħa tad-dahar tal-bhima.

Il-ħlas tagħhom hu maqsum fi tlieta. L-ewwel, tħallsu 2 skuti u 2 irbgħajja għal 104 vjaġġi. Ta' kull vjaġġ ħadu 5 ħabbiet. It-tieni, tħallsu wkoll skut u 4 irbgħajja għal 36 vjaġġ ieħor. Ta' kull vjaġġ minn dawn ħadu 10 ħabbiet. It-tielet, tħallsu 5 rbgħajja u 12-il ħabba ta' seba' vjaġġi bil-kaless. Ta' kull vjaġġ bil-kaless ħadu 16-il ħabba. Il-kaless kien għamla ta' karrozzella ħafifa b'żewġ roti u żiemel wieħed.

Il-probabbiltà hi li tal-ewwel kien ġarr bil-pennell, aktarx fiż-żona tal-istess knisja; tat-tieni kien ġarr bil-karru; tat-tielet kien ġarr ta' persuni relatati mal-bini, bħalma hu perit.

6 • Ġimgħa xogħol

It-total ta' ġimgħa xogħol fuq il-knisja l-ġdida tela' għas-somma ta' 11-il skut, 3 irbgħajja, u 12-il ħabba. Jiġu 2 Ewro u 19-il ċenteżmu (€2.19). Kif ġa nnutajna, kien ħlas konsiderevoli għal dak iż-żmien.

Il-ħlas hu awtentikat bil-firma ta' erba' kanonċi, deputati għal dan mill-kapitlu tal-Matriċi. Dawn kienu l-kanonċi Cumbi, [Giovanni Andrea] Grima, Xicluna, u Dun Pietru-Pawl Cifai.

www.gozocathedral.org.mt

WINSTON L. ZAMMIT B.A. (HONS) P.G.C.E., M.A

ANNIVERSARJI TA' SANTA MARIJA

300 SENA ILU

Nefqa kbira għall-Paljijiet tat-Tiġrija (1709)

Ta' kull sena l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), kienet toħroġ somma ġmielha ta' flus għat-tiġrija famuża ta' Santa Marija. B'ordni tat-8 ta' Awwissu, 1709, l-Università awtorizzat lil Aloisio Grech, ġurat u teżorier tal-istess Università, biex jagħmel ħlas ta' 29 skut u irbiegħi u 18-il ħabba b'konessjoni mal-premijiet ta' din it-tiġrija. L-ispiża kienet bejn wieħed u ieħor nofs paga ta' sena ta' ħaddiem fiss. L-ikbar spiża saret fix-xiri tal-ħarir li bihom kienu jsiru l-paljijiet.

NAG – Arkivju Nazzjonali Għawdex, UNIVERSITAS GAUDISII, *Acta,* 10 (manetta 1708–1709) 31r-v.



Il-kont tas-sena 1709.

150 SENA ILU

Elfejn ruħ iktar mis-soltu għall-festa (1859)

Billi fl-14 u l-15 t'Awwissu, f'Għawdex ħabtet il-festa ta' Santa Marija, numru kbir ta' nies minn Malta marru Għawdex għall-festa. Għat-trasport bil-baħar iddaħħlu fis-servizz tliet vapuri privati Ingliżi li b'noll ta' żewġ xelini, tmur u tiġi, ħadu madwar 2,000 passiġġier lejn Għawdex. Din iċ-ċirkustanza mingħajr ebda dubju żiedet il-facilità tal-pubbliku biex imur għall-festi anki b'kumdità tat-traġitt.

Il-gżira sabiħa ta' Għawdex ippreżentat aspett tassew ħaj u sabiħ, kemm imħabba ċ-ċaqliq u l-ħerqa tan-nies, kemm bil-mod dekoruż li bih saru l-funzjonijiet reliġjużi, kif ukoll bid-dimostrazzjonijet esterni ta' ferħ.

Kemm il-Ħadd (14 ta' Awwissu), kemm it-Tnejn (15 ta' Awwissu), saru żewġ tiġrijiet tal-bhejjem, u filgħaxija logħob tan-nar u mixegħla. It-Tnejn saret purċissjoni solenni b'konkors straordinarju ta' nies.

F'din l-okkażjoni bħas-soltu, kif sar fl-aħħar ftit snin, saret ukoll il-Wirja Agrarja li ma kinitx inferjuri għal dik tas-snin ta' qabel, u għaldaqstant ma naqsitx li tqanqal sodisfazzjoni qalb il-pubbliku u b'hekk żied l-interess fil-festa.

Il Messagiere Popolare (Il-Ħamis, 18 ta' Awwissu 1859) p.3.

100 SENA ILU

Festa kbira f'ġieħ Santa Marija (1909)

Din is-sena saret b'solennità kbira l-festa tal-Assunzjoni tal-Madonna, Titular tal-Katidral. Fil-kwindiċina għamel il-priedki wisq devoti r-Reverendu Patri Gwardjan G. Farrugia, OFMC. Il-festi ta' ġewwa l-knisja kienu wisq imponenti. Waqt it-Transulazzjoni kien hemm tassew x'wieħed jara. Il-konkors tan-nies din is-sena kien straordinarju. Il-knisja kienet maħnuqa bin-nies kemm fil-Primi Vespri, kemm f'Jum il-Festa. L-omelija li għamel l-Isqof kienet wisq sabiħa.

Għall-festi mbagħad ta' barra l-knisja ħaseb bħas-soltu il-kumitat tal-banda *Leone.* Kollox irnexxa ħafna speċjalment id-dimostrazzjoni sabiħa li saret lill-Madonna qabel ma tellgħuha fuq il-pedestall. Din il-pjazza (tat-Tokk) kienet imżejna b'gost ħelu.

Id-Devot ta' Marija (Settembru1909) p.143. 144.

50 SENA ILU

Il-festa esterna mħassra (1959)

Għalkemm iċ-ċelebrazjonijiet tal-festa ta' Santa Marija fil-Katidral ta' Għawdex saru bis-solennità tas-soltu, ma sarux festi ta' barra imħabba l-kwistjonijiet li nqalgħu dan l-aħħar.

Inkixef attentat ta' sabutaġġ fl-orgni tal-Katidral u ġie iddenunzjat pubblikament mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.

Il-Berqa (17 ta' Awwissu, 1959) p.2.

www.gozocathedral.org.mt

WINSTON L. ZAMMIT B.A. (HONS) P.G.C.E., M.A

IL-BINI TAL-AWLA KAPITULARI L-QADIMA (1859—1861)

mija u ħamsin sena ilu

Sas-sena 1859 il-Knisja Kolleġġjata u Matriċi tal-Assunta fil-Kastell ta' Għawdex ma' kellhiex Awla Kapitulari fejn il-Kanonċi setgħu jagħmlu l-laqgħat tagħhom u lanqas kamra fejn is-saċerdoti li kienu se jiċċelebraw il-quddiesa setgħu jippreparaw ruħhom. Diversi tentattivi biex jinbnew kemm l-Awla Kapitulari, u kemm kamra msemmija kienu sfaw fix-xejn.

Kellu jkun il-kononku kuġitur Dun Gejtanu Bondì li ta bidu għall-proċess biex inbniet l-awla u l-kamra msemmija. Permezz ta' tliet kuntratti bid-data tas-7, 9, u 20 ta' Mejju, 1857, l-imsemmi Kanonku Bondì xtara mingħand Ġużeppi Grech, Anġlu Tabone, u Reġina Tabone, fond ta' dar imwaqqgħa u porzjon ta' djar oħra li kienu kontigwi mal-Knisja Matriċi. Dan setgħu jintużaw biex il-kapitlu tal-Matriċi jibni l-Awla Kapitulari u l-kamra fuq imsemmja. Għaldaqstant Dun Gejtanu Bondì ddeċieda li jittrasferixxi dawn il-fondi lill-Knisja Matriċi.[1]

Iżda dak iż-żmien, imħabba l-liġi tal-manumorta mgħoddija fl-1822, il-knisja ma' setgħetx takkwista proprjetà mingħajr il-permess tal-Gvern.[2] Għaldaqstant fl-4 ta' Marzu 1859, il-Kanonku Dun Mikiel F. Buttigieg, arċipriet tal-Matriċi, kiteb lill-Gvernatur Sir John Gaspart le Marchant f'isem il-Kapitlu u talab l-eżenzjoni meħtieġa mil-liġi tal-manumorta. Huwa kellu risposta favorevoli għall-permess b'ittra mis-Segreterija tal-Gvern li ġġib id-data tas-17 ta' Marzu, 1859. B'riferenza għat-talba tiegħu, l-arċipriet Buttigieg kien infurmat:

> "I am directed by H.E. the Governor to acquaint you that an acceptance has been proposed to the Council of Government, with a view of exempting the Church in this instance from the operation of the law."[3]

ORDINANCE No. XII of 1859.

L-ordinanza fil-*Gazzetta tal-Gvern* (1859).

Moħħu mistrieħ li kien se jikseb l-eżenzjoni meħtieġa, il-Kapitlu tal-Matriċi seta' jipproċedi fix-xiri tal-fondi msemmija mill-poter tal-Kanonku Bondì.

Għaldaqstant permezz ta' att bid-data tad-29 ta' Marzu 1859, il-Kanonku Bondì ittrasferixxa lill-Kanonku Buttigieg fil-kariga tiegħu ta' kap tal-Kapitlu tal-Matriċi erba' kmamar mġarrfa li min-naħa tal-lvant kienu jmissu mal-Knisja Matriċi, fin-nofsinhar ma' triq, u fil-punent ma' beni tal-imsemmi Kononku Bondì għall-prezz ta' £15.13s 4d (ftit inqas minn €37), li ġew imħallsa mill-arċipriet Buttigieg.[4]

Il-Kunsill tal-Gvern permezz tal-Att numru XII tas-sena 1859,

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

mgħoddija fis-seduta tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju, 1859, eżenta lill-Knisja Matriċi mil-liġi tal-manumorta fir-rigward tal-beni fuq imsemmija li kienu meħtieġa mill-Knisja Matriċi.[5]

Ix-xogħol fuq l-Awla Kapitulari jidher li tlesta fl-ewwel xhur tal-1861, għax l-Awla ġiet imżanżna fit-23 ta' Marzu, 1861, bil-pussess tal-Kanonku Lettur Dun Ġannpatist Cremona.[6]

Minn dan kollu jidher biċ-ċar li l-imsemmi Kanonku Gejtanu Bondi, kien il-persuna ewlenija tal-proġett tal-Awla Kapitulari l-qadima.[7]

1. *Petitions* Le Merchant VIII (1859) : **N**[ational] **A**[rchives] **M**[alta] (Arkivju Nazzjonali ta' Malta), Din il-petizzjoni m'hix numerata u qiegħda wara petizzjoni nru. 1759.
2. Hugh Harding, *Maltese Legal History under early British rule (1821-1836)*, Malta 1968, p.157.
3. Canon M. Buttigieg, *Letter* (17 Mar 1859) : NAM, GSG/04/30, p 232.
4. *Petitions* Le Merchant VIII (1859) : NAM, Din il-petizzjoni m'hix numerata u qiegħda wara petizzjoni nru. 1759.
5. NAM, CSG/01/Le Marchant XX, no 2925.
6. *L-Għid tal-Assuna* (1971) 4. L-imsemmi Dun Ġannpatist Cremona inħatar Kanonku lettur tal-Matriċi wara l-mewt tal-Kanonku Lettur Dun Saverio Mizzi li seħħet fis-17 ta' Diċembru, 1860. Ara *Il Portafoglio Maltese* (19 Dec 1860) p.2
7. L-imsemmi Kan. Gejtanu Bondi kien wieħed mill-iżjed membri ħabrieka tal-Kapitlu tal-Matriċi, u nsibu li fis-sena 1853 kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Knisja Matriċi. Ara NAM, CSG/01/24, No 3576 u CSG/04/25, ittra lis-Supretendent tal-Pulizija (28 Jun 1853) p. 395.

Din il-ħarġa ta' *Il-Għid tal-Assunta* ġiet tqum €3 il-kopja

Kun ġeneruż fl-offerta tiegħek

JOSEPH
DISPENSING OPTICIANS
28,Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel. 21550099
Tel./ Fax. 21551242
Mob. 99822770



Committed to be the best value opticians offering professional eyecare needs at affordable prices

Dispensing Optician: Mr. Joseph P. Grech F.B.D.O. (Lond)

Herbal Contact Lens Solution

Sun Glasses
Optical Frames
Contact Lenses & Solutions
Sterilising of Contact Lenses

Appointment For Eye Testing and Examination

www.gozocathedral.org.mt

SANT'ORSLA, PATRUNA TA' GĦAWDEX
teħles lill-gżira mill-gwajjijiet

Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis (1712-1770), l-istoriku ta' Għawdex li fil-fatt kien jiffirma sempliċement Dun Frangisk Agius, kiteb li mindu Għawdex daħħal il-qima lejn Sant'Orsla fl-1614, Sant'Orsla ħelsitu minn ħafna mard u taqbid. Fl-1760, l-isqof Fra Bartilmew Rull ħallilna miktub li Sant'Orsla ħelset lil Għawdex minn ħafna ħbit tat-Torok. L-aqwa marda li Għawdex inħeles minnha bl-interċessjoni ta' Sant'Orsla sa minn żmien Dun Frangisk Agius kienet il-pesta ta' bejn is-sena 1675 u s-sena 1676. Kien żmien il-Granmastru jew is-sultan Kottoner, u din il-pesta kinset minn Malta dawra ta' ħdax-il elf ruħ, filwaqt li Għawdex ma kienx hawn ħlief xi ftit każi suspetti, li, bilġri bilġri ħaduhom San Girgor ta' Gerduf.

1 • It-Torok

It-Torok tgħidx kemm-il darba kienu niżlu Għawdex matul is-sittax-il seklu, kemm qabel l-istraġi tal-1551, u kemm wara, meta t-Torok kellhom is-sopravvent fil-Mediterran, ibda mis-sena 1614, meta r-relikwa ta' Sant'Orsla tqiegħdet fil-Matriċi. Ma konniex naqilgħu ħlief theddid mit-Torok, għalkemm il-kursala tal-Magħreb ma naqsux jinżlu baxx baxx fejn setgħu.

Ta' min ifakkar hawnhekk li l-purċissjoni li kienet toħroġ iddur mas-swar sa l-1836 kienet issir biex jiżżuha ħajr għall-ħelsien mit-Torok, bħalma nhar Lapsi, kienet toħroġ waħda mill-katidral tal-Imdina u ddur mas-swar tal-Belt il-Qadima, jgħidu mħabba l-assedju tat-Tuneżini fl-1429.

Insibu li fil-bidu tas-sbatax-il seklu l-Granmastru Alofju Wignacourt kellu ġenn fuqu biex Fra Vitor Cassar ilesti s-swar tal-Belt f'Għawdex li hemm iħarsu fuq ir-Rabat. Dan il-biża' kien ġej imħabba t-theddid li kien jasal minn Stanbul fl-1603. Imma l-pesta waqqfithom xħin it-Torok kienu waslu l-Greċja.

Kien fl-1614, nhar is-sitta ta' Lulju, li t-Torok sa fl-aħħar resqu lejn Marsaxlokk b'sittin xini u ma ħallewhomx jinżlu. Dawru għal Marsaskala u ħabtu għaż-Żejtun. Il-biża' kien kbir imma l-kavallerja ħarbtithom. It-Torok ma qatgħux qalbhom u reġgħu tefgħu l-ankri r-Ramla tal-Mellieħa biex ħadu l-ilma u wara salpaw għall-Magħreb.

Fi żmien il-granmastru de Paul (1623-1636) ukoll issemmiet l-armata Torka u kienu saru xi tħejjijiet, imma ma ġara xejn. Il-biża' tat-Torok kien xtered fi żmien il-granmastru Lascaris (1636-1657). L-Ordni kien issellef nofs miljun skut u sal-fided kollha kellhom jinbiegħu, tneħħi dawk ta' San Ġwann. It-tir tat-Torok, imma, kien Kreta. Biss il-kursala ma naqsitx għax fl-1645 disat iġfien minn Biżerta resqu lejn ix-xatt, imma l-kavallerija ma ħallithomx jinżlu l-art.

Il-biża' ma qatax u nsibu lill-granmastru De Redin (1657-1660) jissokta fejn ħallew ta' qablu u jibni tlettax-il torri mal-kosta kollha ta' Malta. Imbagħad matul is-seklu ta' wara niltaqgħu ma' żewġ theddidiet mit-Torok li jaħbtu għal Malta. L-ewwel waħda ġrat fi żmien il-granmastru Manoel de Vilhena (1722-1736), meta xi lsiera Torok li kienu Malta ħajru lil sultanhom jibgħat flotta ħa jieħu l-gżejjer u jeħlishom. Biss kull ma deħru kienu għaxart iġfien li heddew lill-granmastru li jekk ma jitlaqx l-ilsiera kienet ġejja armata ikbar u teħlishom hi. Minn dan kollu ma sar xejn ħlief waqfien mill-ġlied għal ftit żmien.

It-tieni darba ġrat fi żmien Pinto meta, fl-1760, l-ilsiera nsara fuq il-Ġifen Tork irvellaw, ħaduh f'idejhom u daħħluh Malta. It-Tork reġa' hedded li kien se jaħbat għal Malta jekk il-kavallieri ma jreġġgħux il-ġifen lura. Pintu kien laqa' l-isfida, imma Franza, ħabiba minn dejjem tat-Torok, għax dawn kienu l-għedewwa tal-għadu tagħha, Spanja, ġagħlitu jibgħatu lura Stanbul.

Il-kursala, imma ma qatgħux qalbhom u, fl-1733, insibuhom jinżlu r-Ramla l-Ħamra b'żewġ galjotti minn Sfaqes u jaħtfu l-familja tal-Indju, mix-Xagħra, lsiera minn fuq l-andar fl-eqqel tas-sajf.

2 • It-terremot il-kbir tal-1693 u dawk li ġew wara

Fejn hemm il-vulkani hemm it-terremoti. Ħdejna għandna l-Munġbell (l-Etna), dejjem

www.gozocathedral.org.mt

għaddej, kultant iktar mis-soltu. 'Il fuq iktar, hemm Stromboli, gżira sħiħa vulkan, fit-Tirren, li dejjem inajjar ukoll, tant li jgħidulu l-fanal tal-Mediterran, u fl-aħħar għandna lill-Vesuvju, ħdejn Napli, illum rieqed, imma meta jfettillu jistenbaħ jagħmel straġi sħiħa.

Għalhekk aħna mit-terremoti m'aħniex neqsin, imma dak ta' Sant'Iġinu tal-11 ta' Jannar, 1693, kien beżża' lil kulħadd għax kien qribna sew fil-qarnuna t'isfel ta' Sqallija u qered lill-belt ta' Noto. Għalkemm l-ewwel skoss inħass jumejn qabel, kien dak tal-ħdax ta' Jannar li werwer lil kulħadd kemm Malta u kemm Għawdex. Waqgħu djar, knejjes, u palazzi. Il-katidral tal-Imdina u l-kolleġġjata ta' Għawdex, it-tnejn theżhżu waħda sew tant li kellhom iħottuhom u jibnuhom mill-ġdid. Terz mid-djar tal-Belt ta' Għawdex madwar il-kolleġġjata saru ħerba, kif għadhom sal-lum.

Dun Franġisk Agius jgħid li sorra blat fiha nofs modd raba' jiġifieri wejbejn daqs 48 siegħ jew qatgħa għall-bini, inqalbet il-baħar mill-ogħla naħa ta' Ċenċ. Din qajmet mewġa tal-biża' tant li x-Xlendi il-baħar ħareġ 'il barra xi mil u mbagħad daħal sa taħt il-knisja tal-lum bi ħsejjes kbar u baqa' tiela' mal-wied. Jgħidu li qiegħ il-baħar inkixef sal-ponta ta' Kerċem li taħbat Kap Bombarda. L-ilma ta' xi għejun intilef u nixfu filwaqt li l-ilma ta' xi bjar għola u bdew ifawru.

Biex in-nies tibqa' fuq ix-xwiek bdiet tinħass theżhiża kull 24 siegħa. F'dan il-hemm l-Għawdxin daru għall-qaddisa tat-terremoti, kif isejħilha Dun Pawl Cauchi ta' Savina fi ktejjeb dwar Sant'Orsla. Saret wegħda biex kull tieni Ħadd ta' Jannar jinżlu b'purċissjoni bil-vara ta' Sant'Orsla sal-Madonna tal-Grazzja ta' Forn il-Ġir, illum il-Kapuċċini. L-ewwel purċissjoni kienet niżlet nhar il-25 ta' Jannar, ħmistax fuq it-terrimot. Damet tinżel sas-sena 1968, bid-daqq tal-qniepen u bl-isparar tal-maskli li kien iħallas għalihom il-gvern. Fi żmien il-kavalieri kienu jisparaw il-kanuni flok maskli.

Barra l-wegħda tat-terremot tal-1693 kien hemm oħra għal dak li kellna fl-1743, li nħass għal xi l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, fl-20 ta' Frar, u dam sejjer daqs nofs kwarta. Fost il-knejjes li fihom saret il-ħsara jissemmew San Ġorġ u San Ġakbu, ir-Rabat, u tal-Kunċizzjoni tal-Qala, fejn inħass sew għax il-Wardija tar tant trab li daħħan l-arja. Ħafna blat ruħu fi snienu mas-sisien tal-muntanji u max-xtajta wkoll batta u strieħ. Malta wkoll ħassew xi knejjes fosthom San Ġwann tal-Belt u l-Katidral tal-Imdina. Kien hemm ħsara kullimkien.

M'għandniex xi ngħidu, billi t-terremoti jinħassu sikwit, kien hemm oħrajn meta sar talb ħieraq lil Sant'Orsla iktar mis-soltu. Ngħidu aħna s-sena 1644 baqgħet magħrufa bħala s-sena tat-terremoti, imħabba t-theżhiżiet li kien hemm fosthom ta' nhar is-16 ta' Settembru, meta nħassu ħames skossi wara xulxin. Il-vara ta' Sant'Orsla ħarġuha fil-bieb tal-Matriċi ta' Santa Marija fejn damet tlett ijiem.

Jissemma wkoll it-terremot ta' San Massmu, li l-ewwel skoss tiegħu nħass bil-lejl għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs tat-12 ta' Ottubru, 1856. Mat-tieni skoss in-nies ħarġet tiġri minn djarha mwerwra u nġabret it-Tokk u t-Tiġrija, kulħadd imħasseb kif kien se joħroġ għażlu. Il-kolleġġjata ta' Santa Marija nżammet miftuħa. Tkanta t-*Te Deum* quddiem is-Sagrament spost. Fil-għaxija tkantaw il-litanija tal-Madonna u l-innu ta' Sant'Orsla, quddiem ir-relikwa tagħha li kienet ilha fuq l-artal sa minn fil-għodu. Dat-terremot heżheż lil San Ġorġ waħda sew għax kellhom iħottu l-koppla

www.gozocathedral.org.mt

sat-tanbur. Hemm ukoll kantaw it- *Te Deum* għax l-affarjiet setgħu ġew wisq agħar.

Imbagħad fost it-terremoti li nħassu matul l-għoxrin seklu jissemmew dak tal-1911, wara l-iskoss qawwi li nħass fl-għaxra ta' fil-għodu, folol kbar ta' nies imxiet wara Sant'Orsla sa Ta' Pinu bir-rużarju u wassluha lura l-katidral.

It-terremoti tal-1923 kienu bdew fil-15 ta' Jannar, meta nħassu ħames skossi, u l-għada nħassu tnejn oħra. L-art bdiet sejra rogħda waħda tant li, kif kien jgħidli missieri, il-bdiewa li kienu qegħdin iħaffru l-lanijiet għad-dwieli rtadmu fihom u kellhom jaqilgħuhom minn got-trab li waqa' mill-ġnub. Il-vara ta' Sant'Orsla ħaduha fuq l-artal tal-Appostli fejn damet sal-21 ta' Jannar. Ħlejjaq kbar ta' nies telgħu jitolbuha tħarishom mit-tiġrif ta' theżhiż ieħor. Imbagħad dak in-nhar niżżluha l-Kapuċċini b'purċissjoni li fiha mxew l-isqof u l-poplu.

3 • Il-ġradijiet

Bħalma rajna s-sena l-1693 baqgħet imsemmija għat-terremot ta' Sant'Iġinu u t-theżheżiet li ġew wara. Is-sena ta' wrajha ssemmiet għat-terremot ta' San Blas fit-3 ta' Frar u l-ġuħ kbir. Imbagħad matul l-erba' snin ta' wara, mis-sena 1695 sas-sena 1698 għall-ġradijiet li żaruna kull sena. Dawn il-ġradijiet joforħu bħan-naħal, iħobbu joqogħdu flimkien u jsiefru qtajja' qtajja' minn pajjiż għal ieħor. Il-ġradijiet li għadhom jissemmew meta nitkellmu fuq Sant'Orsla ġew hawn fl-1696, meta għamlu ħsara kbira u l-Għawdxin batew sal-ġuħ. Qtajja' oħra dehru fl-1743 u fl-1758.

L-ewwel li tfaċċaw fl-1696 kien l-Għarb nhar it-23 ta' Mejju. Jgħidu li ġew minn Sqallija, bir-riħ minn hemm, jew bil-grigal jew bit-tramuntana. Dan seta' biss kien riħ ħafif għax bil-riħ qawwi l-grad jew ġrat ma jvinċix u jegħreq. Dawn nħux biss kienu kielu kull m'hemm, imma qabdu u biedu fl-art ukoll. Din tal-aħħar kienet diżgrazzja ikbar minn ta' qabilha, għax il-ġrada tbid sa mit bajda fir-raba' u fis-sħana tas-sajf ma jridux iktar minn għoxrin biex jofqsu, xi drabi jieħdu ħafna inqas. Meta faqqsu f'Lulju, l-imsejkna Għarbin kellhom jaħarquhom kif kien għadhom jitqabżu mal-art bla ġwienaħ.

La tiġi ifthilha l-bieb, kienet tgħid ommi. Kif kien għadhom kif inqerdu l-ġradijiet ta' qabilhom, nhar San Ġakbu (25 ta' Lulju) bdew ġejjin mill-Afrika sħab sħab li għattew ix-xemx. Għawdex spiċċa nċanat bil-ġradijiet u saz-zkuk tas-siġar gerrmu. Min tħajjar joqtolhom daru għalih li werwruh.

Biex forsi jtaffi xi ftit il-granmastru wiegħed irbigħajn għal kull tomna ġradijiet li jinġabru. Imma Għawdex il-gvernatur billi l-pjaga kienet wisq akbar, ħallas iktar u araħom l-Għawdxin jgħarmu u jkejlu bit-tomna, daqs barmil kbir taż-żebgħa tat-tibjid.

F'dan il-hemm li waqa' fuqhom l-Għawdxin ħarġu lil Sant'Orsla mill-kolleġġjata ta' Santa Marija u niżżluha b'purċissjoni San Ġorġ. Kif kienu sejrin lura, huma u għaddejjin biha mit-Tokk l-arċipriet seħet lill-ġradijiet bir-relikwa u dawn marru u nxteħtu l-baħar u għerqu. Kaptan ta' bastiment li kien ġej Malta min-naħa ta' Għawdex dam tmint imjiel, daqs it-tul ta' Għawdex għaddej minn qalb l-iġsma tagħhom jgħumu f'wiċċ il-baħar. Did-darba kienu damu hawn sat-30 ta' Lulju biss.

Oħroġ il-għaġeb tlett ijiem fuq Santa Marija reġgħu tfaċċaw iż-Żebbug, imma damu biss jumejn u reġgħu refgħu l-ankri. B'tifkira tal-ħelsien mill-ġurati ma bdietx issir purċissjoni apposta, imma baqgħet issir dik ta' nhарha madwar is-swar, meta barra mill-mard u t-Tork bdew jirringrazzjawha wkoll talli ħelsithom mill-ġradijiet. Dil-purċissjoni naħseb li kienet tgħaddi minn quddiem il-Qorti għal Ħarit il-Kbira, illum Triq il-Kwartier, li ddur mas-swar u tinżel mit-triq tal-kampnar, illum Triq il-Fosos. Wara l-ħerba li ħalliet il-korla (jiġifieri l-kolera) fl-1837, il-kapitlu kien qatagħha li l-purċissjoni kellha tinżel San Ġorġ.

4 • Il-pesta tal-1813, Malta, u tal-1814, Għawdex

Matul il-gwerer ta' Napuljun bejn is-sena 1803 u April tas-sena 1813, il-kummerċ ta' Malta mal-Lvant kien xi ħaġa tal-għaġeb. Ma kienx baqa' x'ma kenux iġorru. Fl-aħħar wieħed mill-bastimenti daħħal il-pesta. Nhar it-3 ta' Mejju tal-1813 kienet mietet bint skarpan bil-pesta. Minn hemm xterdet għall-Furjana fejn kienet għoddha kinset lil kulħadd u mbagħad ħadet ma' Malta kollha, barra l-Kottoniera, fejn mesħet kemm kemm il-Birgu. L-imxija laħqet il-qofol tagħha f'Lulju.

Meta nhar l-4 ta' Ottubru, 1813, wasal il-gvernatur il-ġdid Maitland, qal li ma kienx xamm ħlief riħa ta' arseniku u kubrit! L-iktar li nkwetawh kienu t-tobba li kienu jgħidu li l-pesta tixtered mal-arja. Maitland kien jemmen fil-kwarantina stretta għax biha biss kien jonqos

www.gozocathedral.org.mt

il-mard. Għalhekk l-ewwel li għamel keċċa lil x'uħud mit-tobba u rażżan lill-oħrajn. Sa Diċembru Ħal Qormi biss kien għadu mċappas. Maitland bidel ir-raħal f'lazzarett imdawwar b'kurdun doppju mgħasses mis-suldati. Sa fl-aħħar il-pesta hemmhekk waqfet ukoll u fid-29 ta' Jannar, 1814, ħarġet il-patenta netta.

B'xorti ħażina, xi ħmistax wara, ix-Xagħra ġie wieħed minn Ħal Qormi b'kaxxetta ħwejjeġ li kien ħeba matul il-pesta. Xi tlitt ijiem jew erbgħa wara li ġie d-dar miet bil-pesta nhar il-Ġovedigrass, li ħabat fit-12 ta' Frar. Ix-Xagħra sar kurdun doppju bis-suldati.

Ir-razzett tal-Qasam ta' Għajn Lukin, fuq ir-riħ taz-zuntier tal-lum, bidluh fi sptar. Dawk il-familji li kienu ntessu bil-mard ġabuhom fit-tined fil-qrib u l-pesta waqfet nhar it-28 ta' Mejju meta kien miet l-aħħar wieħed. B'kollox kienu mietu mija u erbgħa min-nies, fosthom it-tabib George Mc Adams, spiżjar, tnejn li jbaħħru u erba' bekkamorti Sqallin.

Kien hemm ukoll il-familja Custò, mill-Mandraġġ tar-Rabat. Il-kjerku Custò, kanonku tar-razza, kien imur kull fil-għaxija l-kapuċċini jirraġuna mal-patrijiet fuq iz-zuntier, dejjem iħares kurjuż lejn is-Sellum tax-Xagħra. Sa fl-aħħar daħħal f'rasu li jmur sax-Xagħra, li kienet hemm quddiemu bl-isptar u t-tined la kemm jerfa' għajnejh u jħares.

Il-patrijiet, li riedhom imorru miegħu, qalulu: Hemm għalfejn tissogra ħajtek tmur hemm fuq? Ma tistax tara x'hemm minn hawn? Nini, Nini! Jekk trid tmur, mur waħdek. Aktarx li webbes rasu u mar u miegħu niżżel ir-rigal li r-Rungajl kien ġieb miegħu minn qiegħ Ħal Qormi. Qered familja sħiħa, barra lil ħuh l-ispiżjar Ġużeppi. Missieru, Fabrizju ma kienx id-dar u ma maradx.

Il-patenta netta x-Xagħra ħaduha nhar Sant'Anna tal-1814. Maitland imbagħad nhar il-Vitorja ħareġ il-proklama biex reġa' beda l-kummerċ bejn Malta u Għawdex. Il-pesta kienet ġarret b'kollox ma' l-4,668 ruħ.

Billi hemm il-baħar jaqsam bejn Malta u Għawdex, jekk malli kienu jkunu jafu li kien hemm xi mxija, ma kien jitħalla l-ebda Għawdxi jinżel sa Malta, jew Malti jitla' sa Għawdex. Għawdex kien jista' jibqa' bla mittiefes. Hekk naħseb li ġara matul il-pesta ta' żmien il-granmastru Verdala bejn l-1592 u l-1593. Hekk ukoll seta' ġara matul l-imxija tal-biża' ta' żmien il-granmastru Kottoner bejn is-sena 1675 u 1676. U hekk ukoll kien se jiġri fl-1813, imma l-għali jkun imsiefer.

Timbru tal-Awtoritajiet Sanitarji ta' żmien ta' wara l-pesta tal-1814 (NAG, CG, 9/1682 Vol. I ([1840])

Malli kienet waslet l-aħbar x'kien hemm Malta fl-1813, il-vara ta' Sant'Orsla ħarġuha fil-gardjola fuq is-sur li jħares lejn Malta. L-Università ħallset biex isirulha d-dwal u ħafna nies żaruha biex jitolbuha tbiegħed dak il-flaġell ikrah minnhom.

Tistgħu taħsbu kif demm kulħadd kesaħ kif xterdet l-aħbar li x-Xagħra kien daħal il-mard li tant kienu jibżgħu minnu. X'ma jaqbdikx ferħ ta' ġenn, ir-Rabat, meta lil bint dak li daħħal il-pesta, Rużarja niżżluha fuq sellum mis-Sellum u ħaduha l-isptar tan-nisa fl-aħħar ta' Frar tal-1814 u mbagħad, x'ħin mietet b'deni ta' żiemel fuqha qabdu u difnuha fiz-zuntier ta' fejn Santu Wistin?

Iktar u iktar lin-nies tar-Rabat ħakimhom il-biża', meta, nhar is-7 ta' Mejju ta' dik is-sena, it-tabib tal-pesta McAdams kien miet San Frangisk u lill-patrijiet sakkruhom kwarantina fil-kunvent. Jgħidu x'kien jibqa' fik xħin dak il-ġigna ta' kanonku tar-razza ċappas lil familtu u miet hu u kull min kien mess miegħu. Min kien se jissogra jgħaddi mill-Mandraġġ wara li nhar it-30 ta' Marzu kien battal dar. Min jaf xi tferfir kien jaqbadhom dawk l-imsejkna nies tal-Mandraġġ li bilfors kellhom joqogħdu qrib dik id-dar tal-waħx, imbarrata u ssiġillata.

Sant'Orsla, minn fuq Malta dawret ħarsitha

www.gozocathedral.org.mt

fuq ix-xagħri ta' Għajn Lukin mimlija tined ta' dawk il-familji li kienu ħadu l-pesta u fuq dak l-isptar li kien razzett tal-bhejjem b'mitħna daqs ħabs, fejn il-morda, bla arja u bla dawl, flok ma kienu jieħdu r-ruħ, kien iktar jitmantru. Dnub li s-santa ta' Sant'Orsla, li kienet tqassmet fi żmien il-pesta, it-talba li kellha fuq wara biex il-patruna ta' Għawdex tħarsu mill-flaġell tal-pesta kienet bil-Latin, biex żgur ħadd, ħlief forsi l-qassisin kienu jifhmuha. Ara Malta, il-patri Fidiel, kien kiteb kurunella lill-Madonna tal-Isla bil-Malti, li ħażin ħażin, il-poplu, jekk ma kienx jaqraha, kien għallinqas jitgħallimha bl-amment.

Wara li kollox għadda b'wiċċ il-ġid, lil Sant'Orsla daħħluha fejn kienet u fit-tielet Ħadd ta' Settembru bdiet toħroġ purċissjoni mill-kolleġġjata ta' Santa Marija u tibqa' sejra mit-Triq ta' Santa Dminka għal San Kalċedonju. Biż-żmien, fl-1846, qassruha, bħal oħra ta' nharha, bdiet tidħol San Ġorġ. Imbagħad fl-1968, il-purċissjoni waqfet mal-oħrajn. Sal-1810, f'din il-puċissjoni, barra l-kleru u l-fratellanzi, kien ikun hemm il-gvernatur ta' Għawdex u l-Università.

5 • Il-Korla jew kolera tal-1837

Il-korla taf il-bidu tagħha fil-Lvant. Sa ma ġew l-Ingliżi Malta qatt ma kienet waslitilna din il-marda, imma mbagħad, bejn l-1837 u l-1911, żaritna disa' darbiet, għalkemm Għawdex mhux dejjem imtess. Il-korla tal-1837 kienet bdiet tax-Xjun, il-Furjana. It-tobba qalu li kellhom bżonn ibiddlu l-arja, ħaġa li kienu jemmnu ħafna fiha dak iż-żmien, u ħaduhom ir-Rikażli, fejn mietu mwarrba minn kulħadd. Ġew il-ħabsin u difnuhom Wied Għammieq, uħud minnhom, kif jgħidu, għadhom iferfru.

Meta l-korla waslet Malta, nhar id-9 ta' Ġunju, 1837, kien ilha sejra iktar minn għaxar snin, għax kienet bdiet il-Bengala, l-Indja, fl-1826 u daret id-dinja. Għawdex daħlet fis-6 ta' Lulju, inqas minn xahar wara Malta.

L-Abbatija (il-Konservatorju) fir-Rabat bidluha fi sptar tal-korla u ftit iktar 'l isfel man-nżla tal-Għonq, bnew zuntier għall-mejtin. Ix-Xagħra riedu jerġgħu jiftħu r-razzett tal-Qasam fuq ir-riħ taċ-ċimiterju tar-raħal tal-lum, imma b'xorti tajba, min kien responsabbli rnexxielu jibdel il-fehma tal-gvern, għax f'dak il-maqjel iktar timrad milli tfiq. Il-mejtin bnewlhom iċ--ċimiterju li jmiss ma dak tal-lum minn wara. Missieri kien isibu z-zuntier tal-korla, għax dak ta' barra kien jgħidlu z-zuntier tad-deni.

Sa meta l-marda ġiet fix-xejn kienet qatlet erbat elef, mitejn u tnejn u ħamsin ruħ miż-żewġ gżejjer. L-agħar żmien kien fil-bidu, għax sal-aħħar ta' Lulju kienu mietu tlett elf, tliet mija u tnejn u tmenin ruħ. Fl-istess żmien, Għawdex kienu ħaduha ħames mija u għaxra minn nies u mietu mija u tlieta u tmenin. Imbagħad sal-20 ta' Settembru, meta għandna l-aħħar rapport tal-kumitat, Għawdex kienu ħaduha seba' mija u sebgħa u tmenin ruħ, li minnhom 351 kienu mietu.

L-ikbar tlitt iħbieb li kellha l-korla kienu: in-nuqqas ta' drenaġġ, billi din hi marda tal-imsaren; in-nuqqas ta' ilma tal-vit, kif ngħidulu, għax tal-bjar seta' jitniġġes; u, fl-aħħar, il-ġibjun tad-dubbien li jiżgħed fis-sajf, billi l-bdiewa kollha kellhom miżbla, fejn kien ibid u jfaqqas. Biex forsi ġġibu quddiem għajnejkom xi dbieben kien hawn dari ngħidilkom li fid-djar kienu jdendlu qatta frieghi tal-ħarrub biex id-dubbien jitnabbar fuqha xħin jiġi biex jorqod. La jidlam kienu jdaħħluha ġo xkora tal-faxx u joqtluh. Dan kien isir mhux darba imma kont tista' tagħmel hekk kuljum għax dejjem kien ġej, boton jilħaq lil ieħor.

Fejn kien hemm il-fosos setgħu jniġġżu l-ilma tal-bjar u fin-nuqqas ta' dawn, l-iktar fir-rħula, ir-rimi tal-ħmieġ fuq l-imżiebel, kien iġib id-dubbien sħab, sħab, li wara kien imur fuq l-ikel, il-frott u l-ħaxix, kien ixerred il-korla. Min kien iħalli l-ikel mikxuf għad-dubbien jew ma jaħsilx il-frott u l-ħaxix kien idabbarha. Hekk ukoll min kien jixrob ilma mniġġes.

Sal-1911, meta messitna l-aħħar korla, il-Maltin kienet saret taf x'ifisser sew id-dubbien fit-tixrid tal-marda, Herbert Ganado jgħid li missieru, li kien fizzjal, kien wasal biex, barra li kien jgħatti kollox u joqtol kemm dubbien isib, kien daħħal pappamosk, zakak isfar, li missieri kien jgħidlu l-għasfur ta' saqajn in-ngħaġ, biex jekk tiskappalu xi dubbiena kien jaqbadha hu!

Mhux hekk kienu fl-1837. It-tobba, skont ma qalli xiħ għakka, meta kont tfal, kienu qalulhom biex ma jeklux frott. Qalli darba, kif bidwi minn wara s-sur wasal id-dar bi xkora bittiħ ra lill-bekkamorti joħorġu lil ġaru għal tal-Għonq. Dan twerwer u qabad u tahulhom. Huma għabbewh fuq il-karru, bdew iħabbtuh waħda, waħda, mal-kaxxa u jieklu! L-imsejkna huma wkoll kienu jmutu u jinbidlu, imma mhux bil-bittiħ.

www.gozocathedral.org.mt

Tifkira ta' din il-korla hi l-kelma kollaborbos, li sa ftit ilu kont tisma' biċ-ċajt għall-kolla. Din ġejja minn koleramorbus, għall-korla, kif kienu jafuha t-tobba. Id-dar, ix-Xagħra, kellna l-mitħna, kamra daqs ħabs, għadha mbajda bil-ġir, ta' dik is-sena kiefra. Missieri kien jaf li kienu bajduha b'ordni tas-sanità, imma ma kienx jaf meta u għaliex.

Tifkira oħra kienet il-purċissjoni b'Sant'Orsla li, mill-1837, nhar il-festa tagħha fil-21 ta' Ottubru bdiet tinżel wara nofs in-nhar San Ġorġ flok ma ddur mas-swar bħal qabel. Il-katidral bdew ikantaw it-*Te Deum*, b'tifkira ta' meta waqfet il-korla, kif kien wiegħed il-kapitlu fl-1837.

6 • L-Ispaniola tal-1918 u l-1919

Illum jafu li l-influenza, li aħna nafuha bħala l-Ispanjola, kienet bdiet fost il-ħnieżer iċ-Ċina u mill-majjali għaddiet għall-bniedem, li ġismu ma kienx imdorri biha. Tissejjaħ pandemija għax, bejn 1918 u 1919, kienet daret id-dinja mifnija bil-għaks li kienet ġabet il-gwerra l-Kbira. Din kienet bdiet fl-1914 u baqgħet tkarkar sal-ħdax ta' filgħodu tal-ħdax il-jum tal-ħdax-il xahar tas-sena 1918. Jgħidu li dil-gwerra kienet qatlet xi tmien miljun ruħ, imma l-Ispanjola karkret madwar għoxrin miljun!

Meta l-Ispanjola laħqitna, matul is-sitt xhur minn Settembru tal-1918 sa Frar tas-sena ta' wara kienu mietu sitt mija u wieħed u ħamsin, biha jew bil-pulmunija, dik li konna nafuha bħala riħ fuq ieħor, illum pnewmonja jew bronkopnewmonja, għax l-antibijotiċi kienu għadhom ma waslux. Minn nofs Marzu sa Mejju tal-1919 il-kbir kien għadda u kienu kantaw it-*Te Deum* San Ġwann.

Oħroġ il-għaġeb, wieħed minn kull tlieta min-nies li mietu kienu Għawdxin, għax fil-kampanja ta' Malta ma nħassitx ħlief il-Qrendi. Fl-ibliet, fejn in-nies kienet fil-kerrejjiet familji sħaħ f'kamra waħda, l-Ispanjola xxalat kemm felħet. Min kellu mard ieħor ikrah, ngħidu aħna tas-sider li konna nafuh bħala l-marsuttin, malajr inbaram, xejn xejn dak il-mard qerried ma ssoktax jixtered. Min ma tħallatx ma' nies, żamm id-dar imrewħa, bit-twieqi miftuħin ukoll fl-agħar bard, u jaħrab minn fejn ikun jaf li kienet daħlet l-influwenza, kampaha, qisu qatt ma kien xejn.

Min kien jeħodha kien jibda jagħtas waħda f'waħda tant li n-nies kienet tgħid li kienet

tinqatagħlhom vina minn moħħhom. Missieri, li ħuh Vitor kien miet biha u li jien jisimni għalih, kien jgħidli li barbija bata ħafna biex miet. Biddeni qawwi li kien qabdu kellhom iżommuh fuq is-sodda biex ma jmurx idur mitluf bid-delirju. Hu u jmut sa kisser tavla mis-sodda.

Fl-1918, il-purċissjoni li nhar Sant'Orsla kienet tinżel San Ġorġ, dik is-sena dawruha mar-Rabat kollu, bin-nies urajha jagħmlulha l-wgħiedi u jagħtuha kelma li jħarsu l-festa tagħha billi jerfgħu mix-xogħol u jsumu f'lejlitha u f'nharha. Wegħduha wkoll li kienu se jqerru u jitqarbnu u jitilgħu jżuruha l-katidral.

7 • In-nuqqas ta' xita

Il-bniedem sa minn żmien il-paleolitiku, meta kien jgħix biss bil-kaċċa u b'dak li kien jiġbor mis-siġar jew mill-art, ħass il-bżonn tax-xita u kien jipprova jġibha jew bis-seħer jew talb lill-allat. Miskin kien dak is-saħħar li ma kienx jirnexxilu jagħmel ix-xita għax kienu joqtluh.

Ir-raba' li jissaqqa mis-sema, aħna nsibuh bagħli. Ftit jafu li dil-kelma ġejja minn Bagħal, l-alla tax-xita tal-Lvant tal-Mediterran. Il-

www.gozocathedral.org.mt

qassisin tiegħu kienu jqattgħu ġisimhom biex iħajru lis-sema jixti, bħalma d-demm kien iċarċar minn ġisimhom, għamla ta' seħer. Kienu jgħidu li r-ragħad li t-tkarwit tiegħu kien jinstama' qisu barri jqamqam, kien leħen Bagħal qed iħejji ruħu biex idakkar l-art bl-ilma u għalhekk kienu jagħmlu xbieha tiegħu bħal gendus u jagħtuha qima.

Hawn Malta u Għawdex kull post kellu l-qaddis tiegħu biex jitolbu għax-xita. Ngħidu aħna x-Xwieki għandhom lil Santu Liju, il-profeta li kien ħadha mal-qassisin ta' Bagħal miġbura fuq il-muntanja tal-Karmelu. Ta' Sannat għandhom lil Santa Margerita, il-patruna tal-bdiewa. Ir-Rabat ġie li ħarġu lil San Ġorġ, li ismu jfisser bidwi, filwaqt li San Franġisk insibu lil Sant'Antnin, li għandu muftieħ għal kull qofol, u lil San Sidoru Bidwi.

Billi, bħalma rajna, lil Sant'Orsla, il-poplu kien aktarx ifittixha f'kull gwaj li kien jinqalagħlu, insibu li kienu saru purċissjonijiet bil-relikwa tagħha mħabba n-nuqqas ta' xita fl-1758, fl-1818, kif ukoll fl-1839, u fl-1840. Fl-1818 kienu baqgħu sejrin biha sa tal-Ħniena, ix-Xewkija, bil-poplu kollu wrajha. Flok bil-purċissjoni ġie li ħarġuha fuq l-artal tagħha l-katidral, jew ħallewha l-Kappuċċini meta jnizzluha hemm fit-tieni Ħadd ta' Jannar.

Ta' min jgħid li meta fl-1758 kienu ħarġuha fid-disgħa ta' April u, fl-1818 fid-disgħa ta' Marzu, dan kien ifisser li x-xita kienet refgħet kmieni u ma ġietx, fl-agħar żmien tas-sena, meta jgħidu li f'Marzu ż-żara' jkun bis-sbula f'ħalqu. Għalhekk ukoll jgħidu li x-xita ta' ħruġ Marzu u dħul April, karru deheb u ieħor ħarir, għax jekk tonqos ma jimliex sew u l-qamħa toħtof. F'sena hekk il-fqir kien ibati l-ġuħ.

Mhux ta' b'xejn li, tul is-sekli, il-poplu Għawdxi qiem u żamm lil Sant'Orsla bħala patruna tiegħu. Sant'Orsla ħelset lil Għawdex minn ħafna gwajjijiet. Fis-sena 1620, is-Sinodu

www.gozocathedral.org.mt

JOSEPH BEZZINA
parzjalment fuq tagħrif mogħti minn Ġorġ Pisani (1988)

GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA TAL-INNU LIL GĦAWDEX

Nhar it-18 ta' Lulju ta' din is-sena, l-*Innu lil Għawdex* – kitba ta' Ġorġ Pisani (1909-1999), mużika ta' Maestro Joseph Vella (1942-) – għalaq ħamsin sena. Kien indaqq għall-ewwel darba nhar it-18 ta' Lulju, 1959, fil-ftuħ tal-wirja **Għawdex – il-Ħajja u l-Poplu Tiegħu,** wirja kolossali li kienet saret fis-sala tal-Liċeo, r-Rabat. B'din il-kitba rrid infakkar ukoll lill-awtur Ġorġ Pisani f'għeluq il-mit sena mit-twelid tiegħu. Twieled ir-Rabat, Għawdex, nhar is-6 ta' Mejju, 1909, bin Pawlu u Teresa neè Calleja.

1 • *Omaggio a Gozo*

Fost il-ħafna Għawdxin li kienu jgħożżu b'ħerqa kbira 'l art twelidhom kienet ilha ħafna tinħass il-ħtieġa ta' innu lill-gżira tat-Tliet Għoljiet. Għal kull ħaġa ta' xejn kien ta' sikwit jiġi stampat xi innu b'tifħir jew tfakkir ta' xi ħadd jew ta' xi ħaġa. Iżda ebda għanja li tfaħħar il-patrija tagħna l-Għawdxin ma kienet għadha nkitbet.

Kien jeżisti innu **Omaggio a Gozo** miktub fl-1929 minn Luigi Billion, u mmużikat għall-banda **Il Leone** mis-surmast tagħha Mro Giovanni Giumarra u għall-banda **La Stella** minn Mro Giuseppe Giardini Vella. Iżda dan kien pjuttost innu Ewkaristiku li kien jindaqq f'okkażjonijiet reliġjużi biss. Għawdex ma kellux l-innu tiegħu.

Jum fost l-oħrajn Ġorġ Pisani, dakinhar *senior information officer* għal Għawdex, tkellem fuq dan il-ħsieb fl-uffiċċju tiegħu fil-*Banca Giuratale* mas-surmast żagħżugħ Joseph Vella. Kien deċiż li Ġorġ jikteb xi versi u s-surmast jimmużikahom.



Maestro Prof. Joseph Vella (1942-)



Ġorġ Pisani (1909-1999)

Dak iż-żmien Pisani kien fl-eqqel tal-preparazzjoni għall-imsemmija wirja, u l-kittieb u l-kompożitur qablu flimkien kemm tkun ħaġa f'lokha li l-innu jiżżanżan f'dik l-okkażjoni. Imħabba f'hekk il-ħsieb ma damx ma twettaq u fi ftit jiem Għawdex kellu l-għanja patrijottika tiegħu – għanja li tfakkar u tgħolli l-ġibda u l-imħabba li għandhom l-Għawdxin lejn l-art li tathom il-ħajja.

2 • Jindaqq l-ewwel darba

Nhar it-18 ta' Lulju, 1959, mal-ftuħ tal-**Wirja**, Joseph Vella nnifsu akkumpanja kor ta' tfal mis-*Saint Mary's Grammar School* tar-Rabat fuq il-pjanuforte. Kien hemm preżenti l-ogħla awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi, fosthom Sir Guy Grantham, il-gvernatur ta' Malta; Mons. Ġużeppi Pace, l-isqof ta' Għawdex; Dr Anton Tabone, il-president tal-Kumitat Ċiviku ta' Għawdex; u l-kittieb. Reġa' ndaqq fil-*Villa Rundle* fil-15 ta' Awwissu, 1959, wara l-għotja tal-premijiet fil-*Wirja ta' Santa Marija.* Fit-13 ta' Settembru tal-istess sena, fl-okkażjoni tal-festi nazzjonali, indaqq għall-ewwel darba fit-Tokk mill-banda *Prekursur* tax-Xewkija taħt id-direzzjoni ta' Maestro Andrea Borg.

L-innu bil-mod il-mod sar popolari ħafna u kulħadd sar jafu meta beda jindaqq fil-programm **Minn Għawdex għal Għawdex** li d-Dipartiment tal-Informazzjoni kien jagħmel fuq ir-*Rediffusion* (*cable radio*) dik il-ħabta. Anki t-tfal tal-iskola tgħallmuh, u fiċ-ċerimonji pubbliċi kien jitkanta qabel l-Innu Malti u l-*God Save the Queen*.

L-iskop ta' min kiteb, ikkompona u xerred

www.gozocathedral.org.mt

dan l-innu kien biss li jagħti ġieħ ogħla lil pajjiżu. Iżda min jikkmanda rnexxielu jnessi l-innu, tant li llum bosta lanqas biss jafu bih. Jalla dan l-anniversarju jgħin ħalli l-innu jerġa' jsir magħruf ħalli jkompli jiddi l-ġmiel tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet.

Insellmulek, Għawdex tagħna,
art sabiħa, l-oħla ġnien,
art ħanina, art maħbuba,
art imbierka mill-ħolqien.

Art tal-għasel, tal-bizzilla,
art l-għelejjel l-aktar bnini,
art tal-bdiewa, tal-baħħara,
art id-dgħajjes tal-latini.

Fejn hemm wieħed minn uliedek
jaħdem fl-ibgħad artijiet
tixgħel kewkba kollha dija,
jiddi l-ġmiel tat-Tliet Għoljiet.



BOOKWORM

Books & Stationery

Republic Street, Victoria (ħdejn il-BOV)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.
Ejja ara l-varjeta' ta' items li għandna
u l-prezzijiet li noffru.

Tel: 2155 6215, 2156 3328

Bookworm Stationery isir il-ħanut favorit tiegħek ukoll.

www.gozocathedral.org.mt

LUKE BEZZINA

L-EWWEL TRASMISSJONI TA' *ONLINE TV* MINN GHAWDEX

Nhar it-3 ta' Awwissu, 2008, *Radju Katidral* li jittransmetti fuq 90.9 FM Stereo kiteb paġna storika fl-istorja tat-trasmissjonijiet minn Għawdex. Għall-ewwel darba il-Katidral ipprovda trasmissjoni diretta b'*Online TV* millgżira ta' Għawdex.

Kont ilni żmien noħlom u nippjana għal dan l-avveniment. Bil-għajnuna ta' ħija Jeremy Bezzina, ta' Daniel Sultana, u ta' missieri Ronnie Bezzina, manager ta' *Radju Katidral,* irnexxieli nillanċja l-ewwel *Online TV* fil-ftuħ tal-festi f'għieħ Santa Marija u l-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija min-niċċa.

It-trasmissjonijiet tal-*Online TV* laħqu l-aqwa tagħhom nhar il-15 ta'Awwissu, festa tal-Assunta, meta kienet trasmessa *live* il-Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex. Fil-għaxija, imbagħad, ingħatat trasmissjoni kontinwa mill-ħruġ tal-purċissjoni sad-dħul tal-istatwa ta' Santa Marija.

Din l-ewwel tranmissjoni diretta b'*Online TV* mill-gżira ta' Għawdex kienet suċċess wisq ikbar milli wieħed kien jistenna. Dan kien konfermat min-numru konsiderevoli ta' emails u SMSes mill-Għawdxin minn madwar id-dinja, b'mod speċjali mill-Awstralja, mill-Kanada, mill-Istati Uniti tal-Amerika, mill-Iskozja, u saħansitra anki mill-Qatar. Kollha kemm huma wrew is-sodisfazzjon kbir tagħhom għal din it-trasmissjoni; ferħu lill-organizzaturi, u wrew ix-xewqa li din ma tkunx trasmissjoni ta' darba biss. Kien suċċess verament kbir għal Radju Katidral.

Hu ttamat li fil-futur qrib, dan l-*Online TV* ikompli jittrasmetti ċerimonji oħra mill-Katidral ta' Għawdex. Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jidħol fuq il-website ta' Radju Katidral www.radjukatidral.com

It-trasmissjonijiet tal-*Online TV* jiswew il-flus u jitolbu ħafna spejjeż. Jekk tixtieq tgħin, tista' tkellem lili jew inkella tidħol fuq il-website ta' Radju Katidral www.radjukatidral.com fejn tista' timla formola elettronika biex wieħed ikun jista jagħmel l-offerta tiegħu online.

Luke Bezzina bil-kamera, l-ewwel mix-xellug, mal-membri l-oħra tal-*crew*, Jeremy, Daniel, u Ronnie.

KRONAKA

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

ĠANNINU CREMONA

MUSBIEĦ GĦALL-RIĠLEJJA L-KELMA TIEGĦEK...

Il-grupp tal-Lectio Divina fil-parroċċa tal-Katidral

Il-ħtieġa għal tiġdid fil-komunità tal-fidi f'pajjiżna waslet biex f'dawn l-aħħar snin nibtu ħafna movimenti u forom ta' katekeżi għall-adulti immirati biex isaħħu u jimmaturaw il-fidi. Il-parroċċa tagħna tal-Katidral sa minn tliet snin ilu waqfet fi ħdanha l-grupp tal-*Lectio Divina*, bħala forma ta' katekeżi miftuħa għal kulħadd biex bil-għajnuna tal-Kelma t'Alla nagħtu l-possibilta li wieħed jikber u jimmatura fil-fidi tiegħu.

Minn meta ġie mwaqqaf il-grupp tal-*Lectio Divina* fi ħdan il-parroċċa tal-Katidral, fil-bidu tal-Avvent tal-2006, fi żmien l-arċipriet Mons. Joe Vella-Gauci sa llum, iltaqa' tnejn u disgħin darba. Dan il-grupp b'attendenza regolari ta' minn madwar tletin sa erbgħin persuna jiltaqa' kull nhar ta' Tlieta bejn it-tmienja neqsin kwart u d-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija. Jieħu ħsieb u jmexxi l-vigarju parrokkjali Dun Joseph Sultana li b'entużjażmu u dedikazzjoni jipprepara u jfisser b'mod ċar u professjonali is-silta mill-vanġelu jew mill-ittri ta' San Pawl. Matul din is-siegħa, li tgħaddi bla ħadd ma jaf kif, aħna naqraw, nisimgħu, nixtarru, niddiskutu, nirriflettu u nitolbu fil-fond bil-għajnuna tal-Kelma ta' Alla. Dun Joseph ta' kull darba jagħtina f'idejna *leaflet* tat-test ta' l-Iskrittura, spjegat bir-reqqa u bin-noti u l-kummenti biex ikun aktar faċli għalina li nifhmu u nsegwu t-tagħlim dwar il-Kelma ta' Alla.

Il-membri kollha ta' dan il-grupp ninġabru bħal familja waħda fid-dar ta' Alla l-Missier, biex naqsmu ma' xulxin l-benna u l-ħlewwa tal-Kelma ta' Alla, u nifhmu aħjar il-kliem ta' Ġesù meta qal: "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ mill-fomm ta' Alla."

Mir-rivista *Il-Għid tal-Assunta,* nixtiequ nestendu l-istedina tagħna lil kull membru tal-komunità parrokkjali tal-Katidral speċjalment lil dawk li sa issa ftit interessaw ruħhom mill-formazzjoni tagħhom bħala Insara. Nemmen li jekk wieħed jiddedika ftit ħin għall-katekeżi, il-ħajja tal-fidi kapaċi ssir it-tmun waħdieni li jmexxi l-ħajja. Għal dan il-għan il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Katidral fis-sena pastorali li ġejja ser joffri żewġ ħinijiet differenti ta' *Lectio Divina*. Dan biex jagħmel aktar faċli l-attendenza u l-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li jixtiequ jagħmlu din l-esperjenza. Il-grupp tal-*Lectio Divina* ser jiltaqa' kull nhar ta' Tlieta, fil-ħinijiet tas-6.30 p.m. u 7.45 p.m.

Nittamaw li ħafna oħrajn jingħaqdu f'dawn il-gruppi ta' talb u katekeżi biex il-Kelma ta' Alla, bħall-parabbola taż-żerriegħa tkompli "taqa' f'art tajba u tagħti frott ta' mija fil-mija." Ejjew, duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej!

PLAYPEN

30, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO
*OPPOSITE THE BUS TERMINUS
TEL: 2156 1107

KRONAKA

www.gozocathedral.org.mt

JCR Ltd.®

Manufacturers and Importers for the Building Industry



Triq in-Negozju, Mriehel Ind. Est., Birkirkara - Malta.
Tel. 2144 2466/7, Fax: 2144 3303
E-Mail: malta@jcrltd.com

Brick Factory, Gruwa Str., Xewkija, Gozo.
Tel/Fax: 2155 6722 / 2155 9369
E-Mail: gozo@jcrltd.com

Website: www.jcrltd.com

www.gozocathedral.org.mt

GEORGE MERCIECA

L-AĦĦAR ĊENA F'SANTA BARBRA

Għal darb'oħra, il-*Grupp Abbatini u Vokazzjonijiet tal-Katidral* organizza l-Ikla tal-Mulej jew, kif inhi magħrufa aħjar, **il-Mejda tal-Appostli.** Din il-mejda ilha tiġi organizzata ħafna snin; fi ċkuniti nafha ssir matul iż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-*foyer* taċ-Ċentru Parrokkjali. Dan l-aħħar snin bdiet issir fil-kappella ta' Santa Barbara.

Il-kappella ta' Santa Barbra hi mibnija bil-ħnejjiet li, bla ma trid, terfagħlek ħsibijietek lejn iċ-Ċenaklu, il-post fejn Sidna Ġesù Kristu għamel l-ikla mad-dixxipli tiegħu, u twasslek għall-ġabra u r-riflessjoni. Din is-sena ħsibna li naghtuha dehra differenti minn tas-soltu u armajnieha għal ġimgħa ħalli niġbdu iktar nies.

Fr. Joseph Sultana, l-inkarigat mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet, ħa ħsieb li din il-Mejda tkun organizzata b'mod l-iktar dinjituż. Il-membri kollha tal-grupp kienu involuti. L-aħwa Joseph u Mario Bonnici ma' Francesco Grech għamlu preżentazzjoni b'riflessjonijiet bibliċi marbutin mal-Ewkaristija bil-*powerpoint* fuq riċerka ta' George Mercieca. Hekk il-viżitaturi setgħu jirriflettu fuq dak li ġara fil-lejl li fih Kristu waqqaf l-Ewkaristija fiċ-Ċenaklu.

Il-mejda kienet mimlija oġġetti fosthom il-ħaruf, ħobż ażżmu, frott, ħxejjex, zlazi, tazzi tal-inbid, u msiebaħ. Biex dawn jiftiehmu aħjar, ippubblikajna *flyer* bit-tifsira ta' kollox. Il-verżjoni bil-Malti inkitbet minn Ġorġ Mercieca fuq riċerka pprovduta minn Mons. Lawrenz Sciberras, professur tal-Iskrittura. Carl Scerri qalibha bl-Ingliż u Pierre-Eugene Buttigieg bit-Taljan.

Attività bħal din titlob kreattività artistika. Din ħa ħsiebha Paul Cassar li f'idejh kellu wkoll id-dawl tal-post, is-simboli, u tiżjin ieħor. Ħa ħsieb ukoll joħroġ *press release* għall gazzetti u r-radjo.

Għall-għbir tal-ispejjeż mhux zgħar, ħadu ħsieb l-aħwa Mario u Daniel Mercieca. Ħaqqu tifħir speċjali Daniel li pitter hu nnifsu inkwatru tal-Aħħar Ċena fuq stil modern u li ttellgħet lotterija minnu u minn ħuh. It-tnejn huma żewġ abbatini attivi tal-parroċċa u membri fl-istess grupp tal-vokazzjonijiet. Verament grazzi u prosit.

Saru diversi opri ġodda marbuta mal-mejda tal-appostli; fosthom il-*glazing* tat-tazzi biex ikunu jistgħu jiġu mimlija bl-inbid, żewġ imsiebaħ kbar, *projector* għall-*powerpoint*, u pittura ta' Kristu bl-ostja Mqaddsa f'idu, impittra minn Paul Cassar. L-ispejjeż kollha tħallsu u għalhekk bil-ħsieb li nkomplu nsebbħu din il-Mejda tal-Appostli s-sena d-dieħla.

Ħajr lil dawn kollha li b'xi mod kienu ta' għajnuna biex setgħet issir din il-Mejda tal-Appostli: Mons. Arċipriet Ġużeppi Attard, Dun Joseph Sultana, il-Kapitlu u l-Presbiterju tal-Katidral, Mons. Ġużeppi Gauci, George Mercieca, Massimo Buttigieg, Carl Scerri, Paul Cassar, il-Grupp tal-Abbatini, Radju Katidral, John-Paul Cefai, Charlie Attard, Mario u Daniel Mercieca, Massimo Grech, Luke Bezzina, Anthony Buhagiar, Cini Bakery tal-Fontana, il-Familja Bonnici, Eugene Buttigieg, Radju RTK, *In-Nazzjon*, *Il-Ġens*, *The Sunday Times*, *Il-Mument*, u diversi benefatturi li jixtiequ jibqgħu anonimi.



KRONAKA

www.gozocathedral.org.mt

CORDINA'S
CPM
STUDIO

CORDINA PHOTO MARKET

34 Main Gate Street Victoria Gozo Malta tel.21 55627

DIGITAL WEDDING ALBUMS

COLOUR PHOTOCOPY SERVICE
DVD AUTHORING SERVICE
COLOUR PHOTOCOPY SERVICE
PROFESSIONAL STILL & VIDEO SERVICES

MoneyGram. International Money Transfer

DIGITAL Printing

AEL Car Rentals

Azzopardi Enterprising Ltd.

Anton Azzopardi
Managing Director

Dovik Buildings
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo - Malta

Head Office: 21 566671, 21 566672
Fax No:21 566673
Xlendi Office: 21 560891
Mobile: 9949 3300
E-mail: info@aelgozo.com
www.aelgozo.com

GEORGE SACCO
Proprietor

ODYSSEY

Bar • Restaurant • Pizzeria

Tel: 2155 1002 • Res: 2155 6728
Fax: 2156 1728
Mob: 9949 7009 / 9948 5678

Menqa - Marsalfron - Gozo - Malta

www.gozocathedral.org.mt

CARL SCERRI

NIFIRĦU LIL...

Monsinjur Ġużeppi Gauci għall-ħatra tiegħu ta' monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral. Twieled fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors, ta' Kerċem, nhar il-15 ta' Jannar 1937. Kien ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex nhar it-30 ta' Marzu 1963. Kemm ilu qassis, Mons Gauci għamel ħafna ħidma pastorali. Għen kemm felaħ fl-Azzjoni Kattolika u fil-Leġjun ta' Marija. Ħadem bħala għalliem, bħala ko-operatur fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, u bħala kappillan fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-għoxrin sena sħaħ. Mons. Gauci qeda' l-knisja Katidrali bħala kappillan tal-Kor sa mis-sena 1978. F'Mejju 2008, kien nominat kanonku koadjatur tal-Kapitlu Katidral u ħa l-pussess bħala kanoniku fit-22 ta' Ġunju ta' l-istess sena.

Monsinjur Salv Tabone għall-ħatra tiegħu bħala monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral. Twieled fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, it-Triq tal-Għajn jew il-Fontana, nhar it-2 ta' April 1950. Il-Papa Pawlu VI ordnat saċerdot nhar id-29 ta' Ġunju 1975, is-sena tal-Ġublew, f'ċerimonja mpressjonanti fi Pjazza San Pietru, il-Vatikan. Beda l-ħidma saċerdotali tiegħu ġewwa d-djoċesi ta' Portsmouth, l-Ingilterra. Lura Għawdex sena wara, beda jaqdi 'l Katidral bħala kappillan tal-Kor u nunzju tal-Kapitlu Katidrali. Inħatar ukoll it-teżorier tal-Kurja Djoċesana u għamel diversi snin għalliem fis-Seminarju Minuri. Fis-sena 1985, l-Isqof Nikol Cauchi ħatru ċerimonier tal-istess Kapitlu u fis-sena 1996 ħatru ċerimonier Djoċesan. Preżentament Mons. Tabone qiegħed jagħmel ħidma fost il-moviment Leġjonarju fil-parroċċa tal-Fontana. Lejn l-aħħar tas-sena 2008, huwa ġie nominat kanoniku koadjatur tal-Kapitlu Katidrali. Ħa l-pussess nhar it-19 ta' Ottubru 2008.

Monsinjur Ġużeppi Cauchi għall-ħatra tiegħu bħala monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral. Twieled fil-parroċċa ta' San Pietru Pawl, in-Nadur, nhar it-29 ta' Marzu 1945. L-Isqof Nikol Cauchi ordnah saċerdot fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej nhar is-26 ta' Ġunju 1971. Wara żmien ta' studju u ħidma pastorali barra minn Malta, hu beda l-ħidma tiegħu fid-djoċesi ta' Għawdex. F'Ottubru 1973, irritorna s-Seminarju ta' Għawdex bħala viċi-Prefett, għalliem fis-Seminarju Minuri, u Prokuratur tal-istess Seminarju. Mons Cauchi wettaq xogħlu bħala prokuratur b'imħabba u dedikazzjoni kbira għal 33 sena sħaħ. Irnexxielu jittrasforma l-binja tas-Seminarju f'post attraenti u modern. Fis-sena 1988, l-Isqof Nikol Cauchi ħatru wkoll kanonku tal-Kolleġġjata tan-Nadur. Fis-sena 2006, l-Isqof Mario Grech ħatru Monsinjur onorarju tal-Kapitlu

www.gozocathedral.org.mt

Katidrali, prokuratur konġunt tal-beni immobli tal-istess Katidral, Segretarju Amministrattiv tal-Kurja ta' Għawdex, u rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej, ir-Rabat. Fl-1 ta' Marzu 2009, inħatar kanonku kuġitur ta' Mons. Girgor Vella u ħa l-pussess il-Ħadd, 29 ta' Marzu 2009.

Monsinjur Rużar Borg f'għeluq il-**50 sena** mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Dun Rużar twieled fl-14 ta' Novembru 1934 u kien mgħammed fl-istess jum fil-knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana. Nhar it-12 ta' April 1959 kien ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace. Wettaq ħidma fis-Seminarju u fil-Leġjun ta' Marija. Huwa wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Ewkaristiku Għawdxi u ddedika ħajtu jxerred u jheġġeġ għall-adorazzjoni Ewkaristika f'dawn il-gżejjer. Fl-1975 sar kappillan tal-Kor tal-Katidral u fl-1982 kien nominat kanoniku koadjutur. Fis-sena 1987 ħa l-pusses ta' kanoniku effettiv. Monsinjur Borg hu sinonimu ma' Santa Tereżina tal-Bambin Ġesù li tant iħobb u ħadem ħafna biex ixxerred il-letteratura Tereżjana ħalli tikber il-qima lejha f'pajjiżna.

Dun Ġużepp Saliba f'għeluq il-**50 sena** mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Dun Ġużepp twieled iż-Żebbuġ nhar it-30 ta' Settembru 1933. Kien ordnat saċerdot mill-Isqof Ġużeppi Pace nhar it-12 ta' April 1959 fil-Katidral ta' Għawdex. Wara li għamel ħidma pastorali f'Toronto, il-Kanada, irritorna Għawdex fejn inħatar prefett fis-Seminarju. Fis-sena 1967 inħatar sagristan maġġur tal-Katidral, responsabiltà li ġarr u qeda b'fervur għal 28 sena. Kien ukoll kappillan tal-Kor u kien jagħti servizz fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Fl-istess żmien, kien jikkontribwixxi fil-gazzetti *Il-Ħajja* u *Il-Qawmien* u l-kitbiet tiegħu kienu mfittxa ħafna mill-qarrejja ta' dawn iż-żewġ ġurnali. Għadu sal-lum iqatta' sigħat twal fil-konfessjonarju tal-Katidral jagħti l-pariri u jgħin lill-penitenti jagħmlu qrara tajba.

Mons Lawrenz Xerri f'għeluq il-**50 sena** mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Twieled nhar is-7 ta' Ġunju 1933 u wara xi snin Malta studja fis-Seminarju ta' Għawdex u kien ordnat nhar it-12 ta' April 1959 fil-Katidral. Matul ħajtu, ħadem fil-Leġjun ta' Marija u fl-Istitut ta' San Ġużepp, Għajnsielem. Kien għal xi snin il-kappillan ta' Santa Marija, fil-gżira ta' Kemmuna. Fl-1963, l-isqof Pace ħatru kappillan tal-parroċċa tal-Fontana. Serva għal sitt snin, meta nħatar monsinjur tal-Katidral. Kompla jagħti s-servizz saċerdotali tiegħu bħala għalliem tar-reliġjon u direttur spiritwali tal-mixja Neo-Katekumenali. Issa li rtira minn monsinjur, qiegħed joffri servizz pastorali fil-parroċċa tal-Qala.

Mons Anton Gauci f'għeluq is-**60 sena** mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Twieled ir-Rabat fil-15 ta' Awwissu 1925. Ħa l-edukazzjoni fis-Seminarju ta' Għawdex u fl-Università ta' Malta. Kien ordnat saċerdot nhar is-16 ta' April, 1949. Kompla l-istudji fl-Università Gregorjana minn fejn kiseb Dottorat fit-Teoloġija u fl-Università tal-Lateran fejn ħa Dottorat fil-Liġi Kanonika. Għamel ukoll kors ta' sentejn fid-diplomazija fl-Akkademja Pontifiċja Ekkleżjastika. Lura Għawdex, għallem l-Ingliż, it-Taljan, u t-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju u, għal xi żmien kien anke Viċi-Rettur u Eżaminatur fil-Liġi Kanonika. Sar kanonku kuġitur fis-sena 1958 u kanonku effettiv fl-1965. Fl-1996 ingħata d-dinjità ta' Kantur u fit-12 ta' Ġunju 2005 dik ta' Dekan tal-Kapitlu.

Din il-ħarġa ta' *Il-Għid tal-Assunta* ġiet tqum €3 il-kopja

Kun ġeneruż fl-offerta tiegħek

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

Mario Grech

It-tmien isqof ta' Għawdex
25 sena Saċerdot



Test: Joseph Bezzina
Disinn: Joe Calleja - Maximillian Grech

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2009 festa ta' San Filippu Neri, protettur tas-*Sodalità tal-Qassisin u Kjeriċi* mwaqqfa fil-Katidral ta' Għawdex, l-E.T. Monsinjur Mario Grech, it-tmien isqof ta' Għawdex, għalaq 25 sena saċerdot.

Mario twieled il-Qala, Għawdex, bin Ġorġ u Maria Stella Attard, nhar l-20 ta' Frar, 1957. Fis-sena 1962, il-familja marret toqgħod Ta' Kerċem, fejn Mario beda l-istudji primarji tiegħu fl-iskola primarja tar-raħal u kompla l-istudji sekondarji fl-iskola tal-Liċeo, ir-Rabat.

Huwa beda l-formazzjoni saċerdotali tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fis-sena 1977. L-Isqof Nikol Cauchi ordnah qassis fil-knisja Katidrali ta' Għawdex nhar is-26 ta' Mejju, 1984. Miegħu ordna wkoll Alfred Xuereb, illum wieħed mis-segretarji privati tal-Papa Benedittu XVI.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, Dun Mario Grech kompla bl-istudji superjuri tiegħu ġewwa l-Università Pontifiċja tal-



"Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni."

Ġw 17, 21.

Tifkira
ta'
l-Ordinazzjoni Saċerdotali
ta'
Mario Grech (Kerċem)
Alfred Xuereb (Victoria)
mill-
E.T. Mons. Nikol G. Cauchi
nhar is-26 ta' Mejju, 1984
fil-Katidral, Għawdex.

Lateran, Ruma, minn fejn kiseb liċenzjat *utroque iure* fid-dritt Kanoniku u Ċivili ; u iktar tard dottorat fil-Liġi Kanonika mill-Università Pontifiċja ta' San Tumas, l-*Angelicum*. Hu ddefenda t-teżi *The harmonization of the religious and civil dimensions of Canonical marriages in Malta.* F'Ruma, għamel ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Santa Marija (1984-1988).

Lura Għawdex, inħatar għalliem tal-Liġi Kanonika fis-Seminarju; vigarju ġudizzjali tad-Djoċesi ta' Għawdex; imħallef fit-Tribunal Metropolitan ta' Malta ; membru tal-Kulleġġ tal-Konsulturi tad-Djoċesi; u membru tal-Kumissjonijiet Djoċesani tat-Teoloġija, tal-Familja, u tal-Mezzi tal-Kommunikazzjoni Soċjali. Fl-istess żmien għamel ħidma pastorali fil-Katidral, fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, u fil-parroċċi Ta' Kerċem u ta' San Lawrenz. Nhar it-13 ta' Novembru, 2004, l-isqof Cauchi ħatru kappillan Ta' Kerċem.

Nhar is-26 ta' Novembru,

www.gozocathedral.org.mt

2005, il-Q.T. il-Papa Benedittu XVI għoġbu jaħtru bħala t-tmien Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex; suċċessur ta' l-E.T. Mons Nikol Cauchi li ppreżenta r-riżenja tiegħu mħabba l-età. Kien ikkonsagrat isqof u għamel l-ingress solenni tiegħu l-Katidral nhar it-22 ta' Jannar, 2006.

Nhar is-26 ta' Mejju, 2009, fil-jum proprju tal-anniversarju, hu kien mistieden jikkonċelebra mal-Papa Benedittu u ma' Mons. Alfred Xuereb, li kien ordnat miegħu, u iktar tard, kien mistieden ukoll għall-ikel mal-Papa.

Il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, l-E.T. Mons. Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' Radd il-Ħajr fil-Katidral f'għeluq il-25 sena tal-Ordinazzjoni. Kien mgħejjun mill-E.T. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta, u Mons. Pawlu Cremona, arċisqof ta' Malta. Ħadu sehem ukoll Mons. Nikol Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, u Mons. Ġużeppi Mercieca, arċisqof emeritu ta' Malta, u iktar minn mitt sacerdot. Il-kongregazzjoni tmexxiet mill-E.T. Dr Ġorġ Abela, President ta' Malta, u mill-Onor. Giovanna Debono, Aġent-Prim Ministru u Ministru għal Għawdex. Kien preżenti wkoll l-Onor. Dr Joseph Muscat, Kap tal-Oppożizzjoni. Mal-kongregazzjoni kien hemm ukoll Ġorġ u Maria Stella, missier u omm l-isqof; u ħutu Joyce u Raymond bil-familji tagħhom. Ħuh Carmel mexxa l-mużika waqt il-quddiesa. Għall-okkażjoni żżanżnet il-*Missa in Fractione Panis* ta' Maestro Dr John Galea quddiesa għal erba' vuċijiet u sopran solitsta.

Il-Bord Editorjali ta' *Il-Għid tal-Assunta* jifraħ mal-isqof Mario Grech u jitlob għalih.



www.gozocathedral.org.mt

Ċelebrazzjoni fil-Katidral

25 Sena Saċerdot

www.gozocathedral.org.mt





Ritratti: Alvin Sicicluna / CVC

Ġimgħa Liturġiko-Ewkaristika

Ritratt: Mario Saliba/www.photographygozo.com

It-Tfal tal-Ewwel Tqarbina - 17 ta' Mejju 2009

Ritratt: Mario Saliba/www.photographygozo.com

It-Tfal li rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof - 16 ta' Mejju 2009

www.gozocathedral.org.mt

Ordinazzjoni tad-Djakonat



Ritratt: Alvin Sicicluna / CVC

It-Tqegħid tal-idejn mill-Isqof Mario Grech fuq Maximillian Grech waqt l-ordinazzjoni fil-Knisja Katidrali - 23 ta' Ġunju 2009

Ritratt: Alvin Sicicluna / CVC

Iż-żewġ djakni ġodda Noel Debono u Maximillian Grech (xellug u lemin) flimkien mal-Arċipriet Ġużepp Attard u Dun Raymond Vella.

L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, ippresieda konċelebrazzjoni pontifikali f'għeluq il-Kwaranturi. Wara mexxa purċissjoni bis-Sagrament bis-sehem tat-tfal kollha tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof u numru kbir ta' parruċċani. It-Telgħa tal-Belt, it-triq li minn Pjazza Indipendenza twassal sa Pjazza Katidral, saret għall-ewwel darba *infiorata*, tapit bil-ward bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tan-*Notte Gozitana* li kienet il-lejl ta' qabel.

Ritratt: Joseph Camilleri

IL-GĦAQDA QNIEPEN ASSUNZJONISTI · AD 1997

Il-qniepen għandhom funżjoni ewlieni: dak li jsejħu lill-poplu ta' Alla biex iħejji ruħu għaċ-ċelebrazzjoni liturġika li tkun se ssir fil-knisja. Dan kien l-iskop ewlieni tal-Għaqda tagħna sa mit-twaqqif tagħha fl-1997. Minbarra d-daqq li jkollna matul is-sena, aħna nieħdu ħsieb ukoll il-manutenzjoni meħtieġa kemm tal-qniepen kemm tal-aċċessorji l-oħra marbuta mal-kampnar.

Xi ħaġa li tagħtina sodisfazzjon kbir huwa dak li rnexxielna nagħmlu fis-snin l-imgħoddija, fosthom il-ħolma li naraw il-kampnar maestuż ta' Lorenzo Gafà mżejjen b'erba' arkati kif jixraqlu għall-jiem sbieħ tal-festa ta' nofs Awwissu. Xi ħaġa oħra li tagħtina sodisfazzjon huwa s-*souvenir-programme* li nippubblikaw ta' kull sena u anki din is-sena bi ħsibna li nippubblikaw it-tielet edizzjoni tiegħu.

Bla dubju ta' xejn, festa kbira bħalma hi l-festa ta' Santa Marija titlob ħafna preparamenti u wieħed ikun meħtieġ li jaħseb għal mit ħaġa. Iżda, bil-għajnuna ta' ħafna, xejn inqas tal-Madonna, jirnexxielna bħal kull sena nagħtu servizz mill-aqwa bid-daqq solenni tal-qniepen bl-iktar mod dinjituż mill-kampnar tal-Katidral tagħna. B'hekk aħna wkoll nagħtu sehemna biex inkomplu nkabbru l-festa kbira tal-Għid tal-Assunta.

MAYJO CAR RENTALS
YOUR TRANSPORT SOLUTION
40 YEARS OF EXCELLENT SERVICE
24Hour SERVICE
Tel. (+356) 2155 6678
Mob. (+356) 9942 3065 • 9989 0600
www.mayjo.com.mt

KRONAKA

www.gozocathedral.org.mt

JOHN MEJLAQ

MONSINJUR DUN ĠWANN DIMECH
(1922 - 2009)

Monsinjur Dun Ġwann Dimech twieled il-Furjana nhar it-2 ta' Diċembru, 1922, minn Pawlu u Vinċenza neè Mizzi. Tgħammed u trabba fil-Furjana.

1 • Qassis

Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi mmexxi mill-Patrijiet Ġiżwiti. Fis-sena 1940, il-Familja Dimech telqet lejn Għawdex imħabba l-gwerra u krew ir-Rabat. Iż-żagħżugħ Ġwanni kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex sakemm nhar is-16 ta' April, 1949, Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, ordnah qassis fil-Knisja Katidrali.

Il-familja Dimech ma damitx ma fetħet ħanut tal-ġojjellerija, minn fejn kienu jbiegħu ċrieket, imsielet, u ħwejjeġ oħra tad-deheb u l-fidda.

Fis-sena 1950, Dun Ġwann u l-familja tiegħu marru lura lejn Malta u marru joqogħdu Ħal Balzan. Dun Ġwann kien impenjat f'kull xorta ta' appostolat u wettaq ħafna attivitajiet pastorali fl-Arċidjoċesi. Kien ta' għajnuna kbira lill-Ġiżwiti fit-tixrid tal-għaqda taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Kien assistent-kappillan nazzjonali tal-Għaqda u għamel żmien kappillan nazzjonali tal-Pre-ZHN.

Fis-sena 1958, l-Arċisqof Mikiel Gonzi għażel lil Dun Ġwann bħala wieħed mis-segretarji għall-festi Pawlini tas-sena 1960 – għeluq is-dsatax il-ċentinarju min-nawfraġju ta' San Pawl. Aktar tard, l-arċisqof għażel lil Dun Ġwann bħala s-segretarju personali tiegħu; kariga li Dun Ġwann qeda' sa kwazi tmiem l-episkopat ta' Monsinjur Gonzi, u qdieha bl-akbar fedeltà. Fl-istess żmien, Dun Ġwann kien ukoll direttur spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern, ħidma li wettaq għall-perjodu ta' wieħed u għoxrin sena.

2 • Ħidma mferrxa

Fil-parroċċa tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan, Dun Ġwann kien impenjat fl-edukazzjoni tal-abbatini u f'laqgħat regolari liż-żgħażagħ tal-parroċċa. Fis-sena 1976, waqqaf *Praesidium* tal-Leġjun ta' Marija, kif ukoll kor parrokkjali li tiegħu kien organista. Kellu ħafna għal qalbu l-Kwaranturi li kienu jsiru fil-parroċċa u kien il-prokuratur nkarigat minnhom. Kien ukoll direttur spiritwali tal-Banda *San Gabrijel*, kariga li kellu sa tmiem ħajtu.

Dun Ġwann Dimech jibqa' msemmi għaddon tal-predikazzjoni. Dan l-uffiċċju marbut mal-ministeru saċerdotali, qdieh mhux biss f'Ħal Balzan, iżda f'ħafna knejjes ta' Malta u Għawdex. Kien magħruf sewwa għall-irtiri spiritwali. Għan-natural ħabrieki tiegħu, kien ifittxu kulħadd u hu dejjem lest jaqdi lil kulħadd. Hekk kien Malta u hekk baqa' Għawdex fejn reġa' lura, flimkien ma' ħutu, fis-sena 1998.

Kif ġie lura Għawdex, id-djoċesi sabet fih għajnuna mill-aqwa. Ħadem fiċ-Ċentru ta' Kana; ta servizz pastorali f'Marsalforn speċjalment matul ix-xhur tas-sajf; għen lill-istudenti jippreparaw ruħhom għall-eżamijiet tar-Reliġjon f'livell avanzat; u ħejja persuni adulti biex jitgħallmu r-Reliġjon bi tħejjija għall-magħmudija jew id-daħla tagħhom fil-Knisja Kattolika. Kien imfittex ħafna għall-pariri spiritwali tiegħu. Kien bniedem ta' fommu sieket, bniedem twajjeb, sinċier, u ta' ħniena ma' kulħadd. Kien saċerdot maħbub ħafna.

Dun Ġwann jippreżżenta l-ktieb tiegħu *Spirituality and Formation of members, future members, and volunteers of the SMOM*, lil Granmastru Fra Andrew Bertie matul wieħed mill-pellegrinaġġi li kien jagħmel Lourdes ta' kull sena - ħajr Kav. Chris Galea.

www.gozocathedral.org.mt

3 • Rikonoxximenti

B'rikonoxximent tal-ħidma tiegħu, nhar id-19 ta' Ottubru, 1972, inħatar Kappillan Maġisterjali tas-Sovran Militari Ordni ta' Malta. Fid-19 ta' April, 1991, ingħata l-unur ta' Kappillan Konventwali *ad honorem* u, sena wara, Kappillan Ewlieni tal-Ordni f'Malta. Fit-25 ta' Ġunju, 2002, ingħata l-unur tal-Gran Kruċ tal-Kappillani Konventwali *ad honorem*.

L-Arċisqof Mikiel Gonzi irrikonoxxa l-ħidma tiegħu Malta meta ħatru kanonku onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta; l-isqof Nikol Cauchi ħatru kanonku onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria. Nhar it-23 ta' Lulju, 1998, fuq rakkomandazzjoni tal-Isqof Cauchi, il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II innominah *Cappellano ad honorem* bit-titlu ta' Monsinjur.

4 • Tifkira lill-Katidral

Dun Ġwann Dimech baqa' sal-aħħar jagħti s-servizzi tiegħu fil-knejjes ta' Għawdex, fosthom fil-Knisja Katidrali. Kellu għożża kbira f'qalbu għal dan il-Katidral, l-iktar imħabba l-fatt li kien hemmhekk li kien ordnat qassis. Qatt ma kienet issirlu stedina biex jagħti s-servizz tiegħu fil-Katidral u hu kien jirrifjuta. Kont tarah ġej bit-tbissima fuq wiċċu u dieħel fis-sagristija bl-akbar familjarità. Hu miet nhar is-6 ta' Jannar, 2009.

L-imħabba partikolari lejn Dun Ġwann flimkien mat-tifkira għażiża tiegħu ser tibqa' fil-Katidral anke mħabba l-fatt tal-kalċi sabiħ li twassal minn ħutu, il-Perit Joe Dimech u oħtu Tessie. Din, wara kollox, kienet ix-xewqa ta' Dun Ġwann innifsu. Kien Dun Ġwann stess li stqarr li "il-Katidral hu post għażiż għalija u jien nixtieq nagħtih dan (il-kalċi) għax hu ħaġa tant għażiża għalija". Dan il-kalċi kien irregalat lilu minn missieru u ommu, Pawlu u Vinċenza, fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. U b'dan l-istess kalċi, l-ewwel wieħed li qaddes kien benefattur ieħor tal-Katidral: l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Il-kalċi regalat minn Dun Ġwann Dimech.

Imma l-aqwa tifkira li ħalla Dun Ġwann mhuwiex dan il-kalċi tiegħu tant sabiħ. Il-Katidral jibqa' jiftakar lil Dun Ġwann bħala saċerdot ħabrieki u ġentlom, mogħti għas-servizz lil Alla u lil ħutu l-bnedmin. U ġieħ akbar minn dan ma jistax jingħata lil Monsinjur Dun Ġwann Dimech.

QRONFLI
Gift and Furniture Centre

Chandeliers, Crystals,
Frames, Murano,
Original Porcelain Figurines,
Loose Furniture,
invitations and souvenirs
for all occasions
and much, much more...

Come and visit us at our shop at
8, Sir Adrian Dingli Street, Victoria.
Mob: 7927 1241, Tel: 2155 8183

www.gozocathedral.org.mt

DJARJU TAL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL

1 ta' Lulju, 2008 - 30 ta' Ġunju, 2009

Lulju 2008

02 Quddiesa tal-*Għaxar Erbgħa* ta' Santa Marija minn Mons. Giovanni-Bosco Gauci, Arċidjaknu tal-Katidral u Vigarju Ġenerali.

06 Fetħu l-applikazzjonijiet għal dawk li xtaqu jieħdu sehem fil-Festival Marjan li l-Parroċċa kienet ser torganizza fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.

09 Quddiesa tal-*Ħdax-il Erbgħa* ta' Santa Marija mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

15 Harġa għall-anzjani b'quddiesa ċċelebrata fil-kappella ta' Sant' Anna fid-Dwejra u bibita f'St. Patrick's Hotel, Xlendi.

16 Quddiesa tat-*Tnax-il Erbgħa* ta' Santa Marija.

19 Ingħata bidu għall-ġbir mid-djar b'risq il-festa interna ta' Santa Marija.

23 Quddiesa tat-*Tlettax-il Erbgħa* ta' Santa Marija.

26 Tqassam il-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin.

30 Quddiesa tal-*Erbatax-il Erbgħa* ta' Santa Marija u ta' Radd il-Ħajr fis-60 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Mons. Kantur Girgor Vella P.E.P. Ippriedka Mons. Giovanni-Bosco Gauci, Arċidjaknu.

31 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

Bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija. Matul il-jiem kollha tal-Kwindiċina kienu mistiedna t-tfal tal-parroċċa sabiex flimkien jagħmlu l-mixja spiritwali tagħhom li tressaqhom lejn Omm-na Marija Assunta.

Jum l-Emigranti. Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-ewwel jum tal-Kwindiċina minn Mons. Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Kienu amministrati s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfermazzjoni lil xi tfal tal-emigranti.

Awwissu 2008

01 Jum il-Ġenerożità. Quddiesa tat-II jum tal-Kwindiċina minn Dun Pawl Sciberras, bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* li għaliha kienu mistiedna dawk il persuni bi bżonnijiet speċjali li jiffrekwentaw Dar Arka flimkien mal-voluntiera li jgħinu fl-istituti tal-Karità tad-Djoċesi. Il-parroċċa offriet donazzjoni lill-Fundazzjoni Arka. Wara kien organizzat party għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

02 Jum il-Morda u l-Anzjani. Filgħodu, saru żjarat lill-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-kliniċi privati.

Fil-għaxija ċelebrazzjoni tat-III jum tal-Kwindiċina minn Dun Pawl Sciberras bis-sehem tal-anzjani. Kien amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani u wara sar party għalihom. Ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

03 Ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' innijiet marjani. Dun George Mercieca qara l-poeżija bl-isem *Rajtuha?*

Jum l-Għaqdiet Reliġjużi tal-parroċċa. Quddiesa tar-IV jum tal-kwindiċina minn Dun Pawl Sciberras li għaliha kienu mistiedna l-membri tal-Azzjoni Kattolika, tal-Leġjun ta' Marija, tal-Museum, tal-Grupp Padre Pio, tal-Lectio Divina, tal-Mixja NeoKatekumenali, tal-Kariżmatiċi, u tal-Moviment Ewkaristiku Għawdxi. Anima l-quddiesa il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

04 Jum it-Tfal u l-Vokazzjonijiet. Quddiesa tal-V jum tal-Kwindicina minn Patri Michael Camilleri OP bis-sehem tal-*Cathedral Youth Choir*. Saret il-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda tal-parroċċa u l-premjazzjoni tal-aħjar żewġ studenti minn kull ċentru tad-duttrina. Wara saret attività għat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

05 Jum il-Kultura. Quddiesa tas-VI jum tal-Kwindiċina minn Patri Michael Camilleri OP bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara kien organizzat Song Festival Marjan fil-Pjazza tal-Katidral.

06 Jum il-Benefatturi Ħajjin u Mejtin. Quddiesa tas-VII jum skont l-intenzjonijiet tal-benefatturi ħajjin u b'suffraġju tal-benefatturi u l-parruċċani li mietu matul l-aħħar sena. Tmexxiet minn Patri Michael Camilleri OP bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

07 Jum il-Paroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà Filarmonika Leone. Quddiesa tat-VIII jum tal-Kwindiċina mill-Arċipriet Ġużepp Attard bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone, il-*Chorus Ecclesiase Cathedralis*, u l-*Cathedral Youth Choir*. Wara sar marċ bl-istatwa l-ġdida ta' Santa Marija mill-Pjazza tal-Katidral sa Pjazza Savina fejn wara kien esegwit programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard. Sar ukoll it-tberik tal-istatwa minn Mons. Arċipriet. Fit-tmiem kien esegwit l-innu immortali *Per la festa di Maria Assunta in Cielo*.

08 Filgħodu saret *Sports day* għat-tfal tal-parroċċa fil-*Gozo Sports Complex* b'kollaborazzjoni ma' *SK Victoria Wanderers*.

Quddies tad-IX jum tal-Kwindiċina minn Patri Martin Coleiro OFM bis-sehem tal-Kor Fjur t'Assisi tal-Kapuċċini. Ħadu sehem il-players u s-supporters tal-*SK Victoria Wanderers* u l-*Oratory Youths*. Il-parroċċa ppreżentat ħames trophies lill-aħjar players tas-sena tal-*SK Victoria Wanderers* u trophy lil rappreżentant tal-*Oratory Youth*.

Iktar tard saret laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ li tmexxiet minn Fr. Rene Camilleri.

Bil-lejl sar *open air concert* fiċ-Ċittadella organizzat mill-*Aurora Youth Movement* b'risq il-missjoni ta' Fr. Anton Grech fil-Gwatemala.

09 Jum il-Ħajja. Quddiesa tal-X jum tal-Kwindiċina minn Patri Martin Coleiro OFM bis-sehem tal-kantant Mario Caruana. Saret magħmudija u kienu mistiedna l-ġenituri li għammdu lit-trabi tagħhom matul din l-aħħar sena. Fi tmiem il-quddiesa t-trabi ġew ippreżentati lil Santa Marija.

10 Jum il-Familja. Quddiesa tal-XI jum tal-Kwindiċina minn Patri Martin Coleiro OFM bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Kienu mistiedna l-koppji li żżewġu matul dik l-aħħar sena u dawk li qegħdin jiċċelebraw l-10, l-20, il-25, it-30, l-40, u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom kif ukoll l-ex-parruċċani mxerrda ma' Malta u f'Għawdex. Wara saret l-ikla tradizzjonali tal-festa fil-Pjazza tal-Katidral.

11 Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ewwel Jum tat-Tridu mill-arċisqof emeritu Ġużeppi Mercieca bl-omelija tat-Tridu minn Patri Martin Schembri O.Carm.

12 Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-Tieni Jum tat-Tridu mill-isqof emeritu Adeodato Micallef tal-Kuwait bl-omelija minn Patri Martin Schembri O.Carm.

13 Konċelebrazzjoni Ewkaristika tat-Tielet Jum tat-Tridu minn Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu, bl-omelija minn Patri Martin Schembri O.Carm. Mistiedna speċjali s-saċerdoti li kienu qegħdin ifakkru l-25, l-40, il-50, u s-60 anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali.

14 Lejlet il-Festa. Fil-għodu quddiesa għat-tfal mill-arċipriet Mons Ġużepp Attard. Wara, it-tfal immarċjaw għall-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjati mill-Banda *Leone* fejn sar party għalihom.

Filgħaxija Transulazzjoni Pontifikali, Għasar, u Funzjoni Ewkaristika.

15 Il-Għid ta' l-Assunta.

• Quddies fil-4.15 am, 5.00, 5.45, 6.30, 7.15, 8.00, 9.00 (Pontifikal), 11.00, 12.00 pm, 1.00, u 5.00.

• Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Isqof Mario Grech flimkien mal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiem ingħatat il-Barka Appostolika bir-rebħ tal-Indulġenza Plenarja. Kienet esegwita l-quddiesa *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae* ta' Maestro Joseph Sammut.

• Qabel spiċċa l-Pontifikal, l-Isqof Grech ta l-medalja *Ġieħ il-Katidral*

www.gozocathedral.org.mt

lill-poeta Dun George Mercieca, membru tal-Presbiterju tal-Katidral li bla dubju jixraqlu t-titlu tal-poeta ta' Santa Marija.

• Fil-għaxija, Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu, mexxa l-Għasar Solenni.

• Fis-6.30 pm bdiet ħierġa l-purċissjoni. Kien esegwit l-innu immortali *Per la Festa di Maria Assunta in Cielo* mill-Banda Ċittadina *Leone* bis-sehem tal-Kor, tenur, u baritonu. Il-Banda Ċittadina *Leone* akkumpanjat il-purċissjoni.

• Fil-11.00 pm tislima lill-Assunta fiddħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant tal-*Ave Marija*. Kien hemm spettaklu meraviljuż ta' logħob tan-nar tal-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-*Vampa Organisations* li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul tal-istatwa.

• Fit-tmiem, l-isqof Mario Grech ta l-Barka Sagramentali.

22 Quddiesa ta' radd il-Ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa minn Mons. Arċipriet. Wara l-quddiesa l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa u kien hemm *barbecue* tal-għeluq tal-festi fil-Pjazza tal-Katidral.

25 Bi tħejjija għall-Missjoni Djoċesana saret assemblea parrokkjali għad-diversi gruppi fi ħdan il-parroċċa sabiex jaraw kif jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom f'din l-attività djoċesana.

Settembru 2008

01 **Ingħata bidu għar-restawr tal-faċċata tal-Katidral.**

01-06 Pellegrinaġġ f'Lourdes fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mid-deheriet tal-Madonna.

08 Festa tat-Twelid tal-Madonna. Sar il-quddies bħal nhar ta' Ħadd.

09-20 Reġistrazzjoni għat-tfal li riedu jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni fis-sena 2009.

16 Il-143 anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi u minn meta l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex kienet imgħollija għad-dinjità ta' Katidral.

Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja ta' San Pawl, Marsalforn. Wara saret żjara fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u bibita fis-*Seashell Restaurant*, Xlendi.

17 L-ewwel anniversarju mill-ħatra ta' Mons. Ġużepp Attard bħala Arċipriet.

21 It-310 anniversarju minn meta Dun Nicolò Cassia-Magri, arċipriet tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex, poġġa l-ewwel ġebla tal-Knisja Katidrali.

28 Saret talba lill-parruċċani biex joffru ftit mill-ħin tagħhom ħalli jgħinu fil-Missjoni Djoċesana.

30 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

Ottubru 2008

05 Organizzata l-ewwel laqgħa għall-koppji li żżewġu fl-aħħar tliet snin.

Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Quddiesa minn Patri Karm Dimech, gwardjan tal-Kapuċċini. L-arċipriet ta l-mandat tat-tagħlim tad-duttrina lill-katekisti. Wara ħarġet il-purċissjoni-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

11 Il-292 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-Katidral. Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr mal-Kapitlu Katidrali bis-sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

12 Tħabbar tibdil fil-ħinijiet tal-quddies tal-Ħadd. Tneħħew tal-10.00 am u tal-11.00 am u flokhom kienet introdotta l-quddiesa tal-Familja fl-10.30 am. Hemm ħsieb li jkunu organizzati mumenti soċjali wara l-quddiesa.

21 **Festa ta' Sant'Orsola,** kontitular tal-Katidral u patruna ta' Għawdex. Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Isqof Mario Grech bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

Reġa' ngħata bidu għal-laqgħat tal-*Lectio Divina* li jsiru kull nhar ta' Tlieta.

24 Il-Parroċċa tal-Katidral laqgħet b'ferħ ir-relikwa tad-Driegħ ta' San Pawl.

Laqgħa ta' Formazzjoni għall-missjunarji lajċi li se jieħdu sehem fil-Missjoni Djoċesana.

Velja ta' talb għaż-żgħażagħ fl-okkażjoni tal-miġja tar-Relikwa tad-Driegħ ta' San Pawl.

25 Quddiesa bis-sehem tal-*Chorus Ecclesia Cathedralis* fejn il-Komunità Parrokkjali tat qima lir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Pawl.

www.gozocathedral.org.mt

26 Il-qraba ta' Ġorġ Attard, ex-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Leone, għaddew numru ta' dokumenti relatati malistorja tal-knisja f'Għawdex lill-arkivju tal-Katidral.

Novembru 2008

01 Konċelebrazzjoni Pontifikali flokkażjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha.
Il-58 anniversarju minn meta l-Papa Piju XII ipproklama t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem bħala domma ta' Fidi.

02 Ingħata r-rapport finanzjarju tal-Parroċċa minn Mejju sa Awwissu 2008.
Konċelebrazzjoni Pontifikali flokkażjoni tal-Għid tal-Imwiet.
Saret il-laqgħa tal-ewwel Ħadd tax-Xahar għall-koppji.

04 Fetħu l-*bookings* għall-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2009.

09 Il-parroċċa kienet mistiedna tieħu sehem fis-Sibtijiet bi tħejjija għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, fil-knisja ta' San Franġisk.

11 Ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija u bibita fil-*Lantern Restaurant*, Marsalforn.

13 Bdew sensiela ta' laqgħat ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal li matul is-sena 2009 kienu ser jirċievu s-sagrament tal-Ewwel Tqarbina.

16 L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa r-rit tal-Ammissjoni ta' ħames seminaristi tad-Djoċesi tagħna fosthom is-seminarista tal-parroċċa tal-Katidral John Mejlaq. Iċ-ċelebrazzjoni saret fil-Knisja Parrokkjali ta' Ġesù Ewkaristiku Salvatur, Għasri.
Il-Parroċċa tal-Katidral kienet kriet dar sabiex isservi ta' residenza temporanja tal-Arċipriet.

22 Inxtraw 26 siġġu ġdid għall-Presbiterju.

23 Konċelebrazzjoni Pontifikali flokkażjoni tal-Festa ta' Kristu Re.
Il-Parroċċa ħadet sehem fil-korteo ta' Kristu Re u fil-manifestazzjoni djoċesana fil-parroċċa tax-Xewkija.
Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien għall-karità.

29 Saret t-tħabbira u katekeżi għaż-żmien tal-Avvent bi tħejjija għas-sena liturġika l-ġdida mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

30 Bidu tal-Avvent. Fil-quddies tas-6.00 pm tal-Ħdud saru l-priedki minn Mons. Lawrenz Sciberras.

Diċembru 2008

05 Quddiesa għaż-żgħażagħ mill-Kan. Reuben Micallef, arċipriet taż-Żebbuġ.

06 Bidu tal-*Cathedral Saturday Sport* li ser jibda jsir kull l-ewwel Sibt taxxahar. Dan hu mument fejn it-tfal bejn is-6 u t-12-il sena jkollhom mument ta' rikreazzjoni ma' sħabhom.

07 Laqgħa tal-ewwel Ħadd tax-Xahar għall-koppji.
Is-seminarista tal-parroċċa tal-Katidral Maximillian Grech irċieva l-Ministeru tal-Akkolitat mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-knisja Parrokkjali ta' Kerċem.

08 Sar it-tberik tad-dar li se sservi bħala residenza tal-arċipriet.
Solennità tat-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Marija. Il-ħinijiet tal-quddies fil-Katidral kienu bħal dawk tal-Ħadd. Filgħodu saret Konċelebrazzjoni Pontifikali.

13 Irtir bi tħejjija għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Katidral.

14 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm dettaljat tal-Milied.

15-23 Novena tal-Milied għat-tfal u għall-kbar.

16 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja ta' Santa Luċija u wara saret żjara lil xi presepji. L-attività ntemmet b'ikla fis-*Saint Patrick's Hotel*, Xlendi.

17 Serata ta' kant fl-okkażjoni tal-Milied mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* organizzata mill-*Legion of Mary*.

24 Kunċert tal-lejl tal-Milied u priedka tat-tfajjel Filippo Farrugia. F'nofs il-Lejl Konċelebrazzjoni Pontifikali.

25 **Jum il-Milied**. Filgħodu saret quddiesa għat-tfal u l-familji kollha tal-parroċċa mill-arċipriet. Filgħaxija Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

26 Il-parroċċa tal-Katidral flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone organizzaw

www.gozocathedral.org.mt

žjajjar għall-presepji għat-tfal u l-adoloxxenti.

29 Party tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa.

30 Żjajjar lill-morda u lill-anzjani fl-Isptar Ġenerali u kliniċi privati mill-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u mill-*Cathedral Youth Choir* bil-kant tal-innijiet tal-Milied.

31 Jum ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat b'radd il-ħajr tas-sena li ntemmet.

Filgħaxija Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* u l-orkestra.

Jannar 2009

01 Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ewwel Jum tas-sena bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

02 Quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Katidral fl-ewwel ġimgħa tax-xahar.

04 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-Kalendarju tal-Parroċċa. Tqassam ukoll il-programm taż-żjajjar li ser isiru mill-missjunarji lajċi fid-djar bħala parti mill-Missjoni Djoċesana.

Konċelebrazzjoni tas-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Waqt din iċ-Ċelebrazzjoni ngħata l-mandat lill-missjunarji lajċi ta' Għawdex kollu.

05 Bidu taż-żjajjar fil-familji.

06 Tħabbret il-mewt ta' Mons. Ġwann Dimech.

08 Reġgħu bdew il-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħamis bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina.

13 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

20 L-ewwel ħarġa għall-anzjani għal din is-sena b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja ta' Sant'Anton Abbati, Xagħra u bibita fis-*Seashell Restaurant*, Xlendi.

22 Konċelebrazzjoni b'suffraġju ta' Mons. Ġwann Dimech li tmexxiet mill-Arċipriet mal-presbiterju parrokkjali bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

27 Issoktaw il-laqgħat tal-*Lectio Divina* wara l-waqfa għall-Missjoni Djoċesana.

31 Fil-festa ta' San Ġwann Bosco, l-Arċipriet mexxa l-Konċelebrazzjoni fl-Oratorju Don Bosco bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

30-31 Jum l-Art Imqaddsa. Il-ġbir kollu sabiex jinżammu b'mod xieraq is-santwarji l-aktar għeżież marbuta mal-misteri tal-fidi tagħna fil-Palestina.

Frar 2009

02 Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. Saret il-preżentazzjoni tal-kandidati tal-Griżma tal-Isqof lill-Mons. Isqof.

03 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

06 L-ewwel Ġimgħa tax-xahar u adorazzjoni. Quddiesa għaż-żgħażagħ minn Dun Raymond Portelli, missjunarju Għawdxi fil-Perù.

07 Laqgħa tal-ewwel Sibt tax-xahar għall-koppji.

10 Solennità ta' San Pawl Missierna. Il-Quddies kien bħal ta' nhar ta' Ħadd.

11 Saret laqgħa tal-Presbiterju u l-Kunsill Parrokkjali.

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Morda kien amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda.

13 Bidu għall-kors bit-tħejjija għaż-żwieġ.

15 Il-ġbir waqt il-quddies kien b'risq il-Missjoni Djoċesana.

16 Mietet Pawla Scicluna fl-età ta' 'l fuq minn mit sena. Kienet l-ixjeħ membru tal-parroċċa tal-Katidral u baqgħet titla' l-Katidral bil-mixi sakemm kellha 96 sena. Twieldet fil-4 ta' Mejju, 1908.

17 Ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa fis-Santwarju ta' Lourdes, Għajnsielem, u bibita fil-*Bukkett Restaurant*, Qala.

19 *High Tea* tal-Karnival b'risq il-parroċċa fil-Każin tal-Banda Leone.

Il-Komunità Neo-Katekumenali għamlet żjajjar fil-familji fejn taw l-esperjenzi tagħhom waqt it-tieni fażi tal-Missjoni Djoċesana.

22 Mal-*Bullettin* tqassam il-programm dettaljat tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

Is-seminarista tal-parroċċa tal-Katidral John Mejlaq irċieva l-Ministeru tal-Lettorat flimkien ma' erba' seminaristi oħra mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Bażilika tan-Nadur.

25 **Ras ir-Randan.** Konċelebrazzjoni

www.gozocathedral.org.mt

Pontifikali bit-tberik tal-Irmied bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

27 Pellegrinaġġ Penitanzjali Djoċesan fil-knisja arċipretali tax-Xewkija.

28 Il-Presbiterju Parrokkjali ħa sehem f'laqgħa ta' spiritwalità għal żmien ir-Randan organizzat għall-kleru kollu tad-Djoċesi.

Marzu 2009

01 Quddiesa tal-Ewwel Ħadd tar-Randan mill-kwareżimalista Mons. Lawrenz Sciberras u li għaliha kienu mistiedna l-membri tal-Kunsill Parrokkjali, il-missjunarji lajċi, u l-katekisti.

Pontifikal Solenni f'għeluq it-**80 sena** tal-Isqof Emeritus E.T Mons. Nikol Ġ. Cauchi.

02-06 Eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd minn Dun Daniel Xerri.

Eżerċizzi Spiritwali għall-miżżewġin minn Fr. Mark Demanuele MSSP.

06 Meditazzjoni tal-Via Sagra mmexxija mill-Arċipriet Mons. Ġużepp Attard.

Quddiesa għaż-żgħażagħ minn Dun Joshua Muscat.

07 Irtir Spirtiwali għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-kunvent ta' Santu Wistin immexxi minn Ms Nancy Grech u Ms Anna Refalo.

Laqgħa tal-ewwel Sibt tax-Xahar għall-koppji.

08 Quddiesa tat-Tieni Ħadd tar-Randan minn Mons. Lawrenz Sciberras u li għaliha kienu mistiedna l-koppji li żżewġu fl-aħħar sena.

10 Kunċert Mużikali fil-Katidral mill-*Valparaiso University Chamber Concert Band* taħt il-bakketta tad-direttur Dr Jeffrey Scott Doebler. Il-*Program for Lenten Reflections* kien jinkludi siltiet minn numru ta' kompożituri ta' kalibru fosthom Robert Franz, Johann Sebastain Bach, u Adoniram Gordon.

13 Meditazzjoni tal-Via Sagra mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

15 Quddiesa tat-Tielet Ħadd tar-Randan minn Mons. Lawrenz Sciberras u li għaliha kienu mistiedna l-ġenituri li għammdu t-trabi tagħhom fl-aħħar sena.

17 Nofs ta' nhar Irtir f'Dar Manresa mmexxi mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

19 **Festa ta' San Ġużepp.** Fis-1.00 pm, quddiesa solenni bl-omelija minn Mons. Joseph Bezzina fil-kappella ta' San Ġużepp fiċ-Ċittadella. Filgħaxija, fil-Katidral l-Isqof mexxa Pontifikal bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

20 Meditazzjoni tal-Via Sagra minn Mons. Giovanni B. Gauċi, Vigarju Ġenerali.

22 Quddiesa tar-Raba' Ħadd tar-Randan minn Mons. Lawrenz Sciberras u li għaliha kienu mistiedna l-għaba ta' dawk li mietu fl-aħħar sena.

26 Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma.

27 Meditazzjoni tal-Via Sagra minn Mons. Joseph Bezzina.

28 Irtir Spiritwali għall-istudenti li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fl-annexe tal-Katidral immexxi mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali.

Ċelebrazzjoni tar-Randan għaż-żgħażagħ bi tħejjija għall-festi tal-Għid.

29 Quddiesa tal-Ħames Ħadd tar-Randan minn Mons. Lawrenz Sciberras u li għaliha kienu mistiedna r-reffiegħa li ser jipparteċipaw fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

30-03 Eżerċizzi Spiritwali għall-anzjani mill-Kan. Joseph Sultana, Vigarju Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal minn Dun Michael Said fil-Katidral.

April 2009

01 Seminar parrokkjali f'dar Manresa dwar il-proposti li ħarġu mill-Missjoni Djoċesana, immexxi minn Dun Giovanni Curmi u Dun Anton Teuma.

01-03 Fiera tal-figolli fiċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral

03 Jum id-Duluri tal-Verġni Mqaddsa Marija.

04 Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Katidral bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, tal-*Cathedral Youth Choir* u tal-Banda Ċittadina Leone. Bejn il-bċejjeċ mużikali nqraw poeżiji minn diversi membri tal-parroċċa.

www.gozocathedral.org.mt

05 Ħadd il-Palm. Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-palm bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara l-funzjoni tbierket il-*Mejda tal-Appostli* fil-kappella ta' Santa Barbara, organizzata mill-Grupp tal-Abbatini u tal-Vokazzjonijiet tal-Katidral.

07 Jum ir-Rikonċiljazzjoni. Fil-5.00 pm sar servizz penitenzjali u kien amministrat is-sagrament tal-Ewwel Qrara lit-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

08 L-Erbgħa tat-Tniebri. Ċelebrazzjoni Kateketika għat-tfal kollha tal-parroċċa u li fiha ġie spjegat it-Tridu Mqaddes tal-Għid.

09 Ħamis ix-Xirka. Filgħodu Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut fejn ikkonċelebraw il-qassisin kollha ta' Għawdex. Fi tmiem il-Pontifikal l-Isqof ta l-Barka Appostolika bir-rebħ tal-indulġenza plenarja.
Filgħaxija Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali tal-Ikla tal-Mulej.

10 Il-Ġimgħa l-Kbira. Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej.
Wara, saret il-Purċissjoni tal-Passjoni mat-toroq tal-Belt Victoria. Irnexxiet minkejja li beda jqum ftit tar-riħ.

11 Sibt il-Għid. Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

12 **L-Għid il-Kbir.** Filgħodu quddiesa għall-komunità parrokkjali mill-Arċipriet u wara l-quddiesa tqassmu l-figolli tal-Għid lit-tfal kollha. Wara kellha ssir il-manifestazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill-Katidral bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone*, iżda mħabba riefnu u maltemp kbir tħassar kollox.
Filgħaxija Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali. Kien ħafna maltemp, iżda minkejja dan, xorta waħda kien hemm ħafna nies għall-Pontifikal.

14 Beda t-tberik tal-familji.

15 Ħarġa f'Malta għall-festa ta' San Girgor, Marsaxlokk.

21 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

26 Il-parroċċa ħabbret pellegrinaġġ parrokkjali Marjan għal Fatima bejn il-25 ta'Awwissu u l-1 ta' Settembru.

L-E.T. Mons. Tommaso Caputo, in-Nunzju Appostoliku, mexxa konċelebrazzjoni Pontifikali sabiex jitfakkar **ir-Raba' anniversarju mill-bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI.**
Mons. Dekan Anton Gauci mexxa quddiesa ta' ringrazzjament fl-okkażjoni tas-60 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali.

29 Mons. Arċipriet mexxa konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tat-53 anniversarju minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone irregalat l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-knisja Katidrali. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina *Leone* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.

Mejju 2009

01 Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Quddiesa għaż-żgħażagħ minn Dun Joe Calleja.

02 Laqgħa tal-ewwel Sibt tax-Xahar għall-koppji.
L-istatwa ta' San Ġwann Bosco ttelgħet il-Katidral fl-okkażjoni ta' għeluq is-sittin sena mill-ftuħ tal-Oratorju Don Bosco

06 ***L-Ewwel Erbgħa*** bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, arċisqof Emeritu, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

12 Ħarġa tal-anzjani b'quddiesa fil-knisja ta' Ħamet u bibita fis-*Saint Patrick's Hotel*, Xlendi.

13 Quddiesa tat-*Tieni Erbgħa* minn Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Kapitlu Katidrali.
Coffee Morning b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

16 Mons. Isqof Mario Grech amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil tletin adoloxxent.

17 Is-Sitt Ħadd tal-Għid. Mons. Arċipriet Ġużepp Attard mexxa konċelebrazzjoni li fiha amministra s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina lil 34 tifel u tifla.

20 Quddiesa tat-*Tielet Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Anthony Zammit li kien akkumpanjat mill-E.T. Mons. Gabino Miranda Melgarejo, isqof fil-Perù.

22 **Bidu tal-Kwaranturi.** Tlett ijiem ta'

www.gozocathedral.org.mt

adorazzjoni solenni tal-Kwaranturi. Quddiesa solenni tal-ewwel jum minn Dun Gerald Buhagiar.

23 Quddiesa solenni tat-tieni jum tal-Kwaranturi minn Dun Gerald Buhagiar.
Lejl ta' talb u adorazzjoni li ntemmet b'quddiesa f'nofs il-lejl meta fir-Rabat, Għawdex, kienet qiegħda ssir *Lejlet Lapsi – Notte Gozitana.*

24 L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali f'għeluq il-Kwaranturi. Wara mexxa purċissjoni bis-Sagrament bis-sehem tat-tfal kollha tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof u numru kbir ta' parruċċani.
It-Telgħa tal-Belt, it-triq li minn Pjazza Indipendenza twassal sa Pjazza Katidral, saret għall-ewwel darba ***infiorata***, tapit bil-ward bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tan-*Notte Gozitana.*

27 Quddiesa tar-*Raba' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju, u li għaliha attendew is-seminaristi u sar talb għal aktar vokazzjonijiet.

30 Pellegrinaġġ Parrokkjali Pawlin f'Malta.

11 Solennità ta' Għid il-Ħamsin. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons. Isqof.

Ġunju 2009

03 Quddiesa tal-*Ħames Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex.

05 Mons. Arċipriet mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana.
Quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Katidral.

10 Quddiesa tal-*Sitt Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Joseph Bajada Viċi-Rettur tas-Seminarju.

09 *Coffee Morning* b'risq il-parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

13 Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Anthony Bajada, Joseph Curmi, u Richard Nazzarenu Farrugia, it-tlieta mill-parroċċa tax-Xagħra. Omm Dun Joseph u missier Dun Richard huma mill-parroċċa tal-Katidral.

14 Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons. Isqof.

16 Ħarġa għall-anzjani b'quddiesa fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu, Munxar; żjara lis-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana; u bibita fil-*Country Terrace*, Għajnsielem.

17 Quddiesa tas-*Seba' Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Renato Borg.

23 Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-funzjoni li fiha **Maximillian Grech mill-Parroċċa tal-Katidral kien ordnat djaknu** flimkien ma' Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur, neputi tal-arċipriet tal-Katidral, u bin il-Ministru għal Għawdex.

24 Quddiesa tat-*Tmien Erbgħa* ta' Santa Marija minn Dun Renato Borg.

26 **L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' Radd il-Ħajr f'għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.** Kien megħjun mill-E.T. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta, u Mons. Pawlu Cremona, arċisqof ta' Malta. Ħadu sehem ukoll Mons. Nikol Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, u Mons. Ġużeppi Mercieca, arċisqof emeritu ta' Malta, u iktar minn mit saċerdot. Il-Kongregazzjoni tmexxiet mill-E.T. Dr Ġorġ Abela, President ta' Malta, u mill-Onor. Ġovanna Debono, Aġent-Prim Ministru u Ministru għal Għawdex. Kien preżenti wkoll l-Onor. Dr Joseph Muscat, Kap tal-Oppożizzjoni. Għall-okkażjoni żżanżnet il-*Missa in Fractione Panis* ta' Maestro Dr John Galea – quddiesa għal erba' vuċijiet u sopran solista. Il-Kapitlu rregala lill-isqof kwadru oriġinali ta' Pawlu Camilleri-Cauchi li juri 'l San Pawl jinterċiedi ma' Santa Marija biex tħares il-Katidral.

29 Festa ta' San Pietru u San Pawl. Konċelebrazzjoni solenni u għeluq tas-sena speċjali ddedikata lil San Pawl, Patrun ta' Malta.

30 *Coffee Morning* b'risq il-Parroċċa fil-każin tal-Banda Leone.

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 2008 - 30 ta' Ġunju 2009

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
20.06.08	Kayla Jade Vella	Adam u Julie
26.07.08	Marissa Said	Emanuel u Christine
06.07.08	Matthias Ryan Zammit	Philip u Marija
09.08.08	Jake Sacco	Mark u Denise
10.08.08	Michela Saliba	Peter u Marion
22.08.08	Mattia Cassar	Joseph u Josephine
25.08.08	Jo-Marie Zammit	Teddy u Jennifer
08.12.08	Kris Vella	Larry u Anabel
14.12.08	Ivana Grech	Ivan u Mary Rose
21.12.08	Mattia Vella	Mark u Migronne
03.01.09	Sean Spiteri	Gordon u Mary Rose
10.01.09	Christine Attard	Mario u Marlene
10.01.09	Yanica Attard	Mario u Marlene
11.01.09	Niamh Meilak	Melcom u Maria Assunta
31.01.09	Isaac Cardona	Chris u Sarah Cardona
05.02.09	Maegen Camilleri	Domnall u Sarah
07.02.09	Nikita Vella	Jamie u Greta
19.04.09	Nicole Azzopardi	Kevin u Joanne
21.06.09	Hannah Tabone	Joseph u Johanna

Żwiġijiet

DATA	ISEM U PARROĊĊA TAL-GHARAJJES
25.07.08	Jeffrey Hili (Tarxien-Malta) u Romena-Mary Saliba (Victoria)
25.07.09	Frankie Debono (Paola-Malta) u Nathalie Borg (Kerċem)
02.08.08	Rodrick Cordina (Victoria) u Nicole Mercieca (Xagħra)
03.08.08	Mario Cordina (Victoria) u Melissa-Maria Saliba (Victoria)
09.08.08	Ryan Farrugia (Victoria) u Audrey Debrincat (Victoria)
16.08.08	Arnaud Bouvier (Victoria) u Angele Galea (Victoria)
23.08.08	Robert Bugeja (Naxxar-Malta) u Charmaine Attard (Victoria)
24.08.08	Jason Saliba (Xewkija) u Francine Mercieca (Fontana)
30.08.08	John Formosa (Kerċem) u Nataline Cordina (Nadur)
06.09.08	Christopher Sultana (Safi-Malta) u Dr. Yana Haber (Victoria)
07.09.08	Mark Schembri (Victoria) u Vanessa Borg (Victoria)
14.02.09	Anthony Vella (Żebbuġ) u Louiseann Farrugia (Victoria)
09.05.09	Conrad Sacco (Marsalforn) u Daniela Vella (Victoria)
16.05.09	Thomas Maneeney (Xagħra) u Annuzjata Sultana (Xagħra)
29.05.09	Vincent Rapa (Victoria) u Amanda Said (Għajnsielem)
20.06.09	Mario Borg (Kerċem) u Renise Camilleri (Victoria)

www.gozocathedral.org.mt

Imwiet

DATA	ISEM	ETA
18.06.08	Ġużeppa Bonnici	85 sena
28.06.08	Giovanni Vella	86 sena
15.07.08	Marija Mifsud	89 sena
28.07.08	Joseph Farrugia	68 sena
28.07.08	Ġuża Cauchi	73 sena
26.01.09	Marija Said	81 sena
07.02.09	Angela Abela	73 sena
10.02.09	Antonietta Grech	86 sena
16.02.09	Pawla Scicluna	100 sena
20.02.09	Joseph Zammit	70 sena
26.02.09	Anton Mifsud	62 sena
11.03.09	Pawla Grech	81 sena
06.04.09	Maria Olimpia Bondi	87 sena
13.04.09	Marija Grazzja Mifsud	91 sena
03.06.09	Carmel Grech	86 sena
12.06.09	Joseph Vella	66 sena
16.06.09	Karlu Vella	94 sena
18.06.09	Salvu Vella	67 sena
26.06.09	Ġużeppa Mercieca	82 sena
29.06.09	Joseph Micallef	76 sena

L-Ewwel Tqarbina

Il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2009

Borg Carl, Bugeja Antonella, Bugeja Daniel, Buttigieg Denise, Caruana Francesca-Jo, Camilleri Laura, Camilleri Matthew, Cassar Dario, Cassar Jessica, Cauchi Savio, Curmi Emma, Curmi Joseph, Farrugia Maria, Grillage Danielle, Grech Francesca, Grech Lara, Haber Fabian, Kuas Julia, Mejlaq James, Mercieca Keith, Mercieca Nathaniel, Mintoff Nicole, Mompalao Rudi-Vic, Pace Jonathon, Rapa Owen, Theuma Raul, Saliba Amy, Saliba Jeremy-Paul, Scicluna Maria, Vella Alan-Mario, Vella Gabriella-Claire, Vella Ismael-Amadeus, Vella Kaylee, Vella Lauren.

Griżma ta' l-Isqof

Is-Sibt, 16 ta' Mejju 2009

Abela Sarah, Attard Dorian, Attard Marcello, Bajada Jasmine, Bezzina Rachel, Bonnici Anna, Calleja Josephine, Calleja Marija, Cordina Andrè, Dimech Martina, Farrugia Filippo, Farrugia Lara, Farrugia Luke, Farrugia Trevor-Anthony, Fenech Deborah, Formosa Gordon-G., Gatt Aurora, Gauci Josef, Grech Marise, Grech William, Grima Laura-Emma, Grima Pia-Marie, Grima Pierre-Silvio, Mercieca Elyse, Said Ryan, Saliba Andrew, Spiteri Stephanie, Xerri Ayrton, Xerri Carlos, Zammit Nicholas.

Il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju 2009

Cini Sabrina, Vella Chantel, Xuereb Karl.

KRONAKA

www.gozocathedral.org.mt

A FEAST STEEPED IN PASCHAL JOY

Homily
on the Solemnity of the Assumption of the Blessed Virgin Mary
at *St Thomas of Villanova Parish, Castel Gandolfo*
Friday, 15 August 2008

Dear Brothers and Sisters,

The Solemnity of the Assumption of the Blessed Virgin Mary, the oldest Marian Feast, returns every year in the heart of summer. It is an opportunity to rise with Mary to the heights of the spirit where one breathes the pure air of supernatural life and contemplates the most authentic beauty, the beauty of holiness.

The atmosphere of today's celebration is steeped in paschal joy. "Today", the antiphon of the *Magnificat* says, "the Virgin Mary was taken up to Heaven. Rejoice, for she reigns with Christ for ever. Alleluia". This proclamation speaks to us of an event that is utterly unique and extraordinary, yet destined to fill the heart of every human being with hope and happiness.

Mary is indeed the first fruit of the new humanity, the creature in whom the mystery of Christ – his Incarnation, death, Resurrection and Ascension into Heaven – has already fully taken effect, redeeming her from death and conveying her, body and soul, to the Kingdom of immortal life. For this reason, as the Second Vatican Council recalls, the Virgin Mary is a sign of certain hope and comfort to us (see *Lumen Gentium*, n. 68). Today's feast impels us to lift our gaze to Heaven; not to a heaven consisting of abstract ideas or even an imaginary heaven created by art, but the Heaven of true reality which is God himself. God is Heaven. He is our destination, the destination and the eternal dwelling place from which we come and for which we are striving.

St Germanus, Bishop of Constantinople in the eighth century, in a homily given on the Feast of the Assumption, addressing the heavenly Mother of God said: "You are the One who through your immaculate flesh reunited the Christian people with Christ.... Just as all who thirst hasten to the fountain, so every soul hastens to you, the Fountain of love, and as every man aspires to live, to see the light that never fades, so every Christian longs to enter the light of the Most Blessed Trinity where you already are". It is these same sentiments that inspire us today as we contemplate Mary in God's glory. In fact, when she fell asleep in this world to reawaken in Heaven, she simply followed her Son Jesus for the last time, on his longest and most crucial journey, his passage "from this world to the Father" (see Jn 13: 1).

Like him, together with him, she departed this world to return "to the Father's House" (see Jn 14: 2). And all this is not remote from us as it might seem at first sight, because we are all children of the Father, God; we are all brothers and sisters of Jesus and we are all also children of Mary, our Mother. And we all aspire to happiness. And the happiness to which we all aspire is God, so we are all journeying on toward this happiness we call Heaven which in reality is God. And Mary helps us; she encourages us to ensure that every moment of our life is a step forward on this exodus, on this journey toward God.

May she help us in this way to make the reality of heaven, God's greatness, also present in the life of our world. Is this not basically the paschal dynamism of the human being, of every person who wants to become heavenly, perfectly happy, by virtue of Christ's Resurrection? And might this not be the beginning and anticipation of a movement that involves every human being and the entire cosmos? She, from whom God took his flesh and whose soul was pierced by a sword on Calvary, was associated first and uniquely in the mystery of this transformation for which we, also often pierced by the sword of suffering in this world, are all striving.

The new Eve followed the new Adam in suffering, in the Passion, and so too in definitive joy. Christ is the first fruits but his risen flesh is inseparable from that of his earthly Mother, Mary. In Mary all humanity is involved in the Assumption to God, and together with her all creation, whose groans and sufferings, St Paul tells us, are the birth-pangs of the new humanity. Thus are born the new Heaven

www.gozocathedral.org.mt

Id-Dormitio tal-Madonna - pittura ta' Dmitar, Skopje, Mużew Nazzjonali tal-Macedonja.

and the new earth in which death shall be no more, neither shall there be mourning nor crying nor pain any more (see Rev 21: 1-4).

What a great mystery of love is presented to us once again today for our contemplation! Christ triumphed over death with the omnipotence of his love. Love alone is omnipotent. This love impelled Christ to die for us and thus to overcome death. Yes, love alone gives access to the Kingdom of life! And Mary entered after her Son, associated with his Glory, after being associated with his Passion. She entered it with an uncontainable force, keeping the way behind her open to us all. And for this reason we invoke her today as "Gate of Heaven", "Queen of Angels" and "Refuge of sinners". It is certainly not reasoning that will make us understand this reality which is so sublime, but rather simple, forthright faith and the silence of prayer that puts us in touch with the Mystery that infinitely exceeds us. Prayer helps us speak with God and hear how the Lord speaks to our heart.

Let us ask Mary today to make us the gift of her faith, that faith which enables us already to live in the dimension between finite and infinite, that faith which also transforms the sentiment of time and the passing of our existence, that faith in which we are profoundly aware that our life is not retracted by the past but attracted towards the future, towards God, where Christ, and behind him Mary, has preceded us.

By looking at Mary's Assumption into Heaven we understand better that even though our daily life may be marked by trials and difficulties, it flows like a river to the divine ocean, to the fullness of joy and peace. We understand that our death is not the end but rather the entrance into life that knows no death. Our setting on the horizon of this world is our rising at the dawn of the new world, the dawn of the eternal day.

"Mary, while you accompany us in the toil of our daily living and dying, keep us constantly oriented to the true homeland of bliss. Help us to do as you did".

Dear brothers and sisters, dear friends who are taking part in this celebration this morning, let us pray this prayer to Mary together. In the face of the sad spectacle of all the false joy and at the same time of all the anguished suffering which is spreading through the world, we must learn from her to become ourselves signs of hope and comfort; we must proclaim with our own lives Christ's Resurrection.

"Help us, Mother, bright Gate of Heaven, Mother of Mercy, source through whom came Jesus Christ, our life and our joy. Amen".

www.gozocathedral.org.mt

MARIO GRECH

IL-ĠMIEL TAL-BNIEDEM U TAŻ-ŻWIEĠ

Omelija nhar il-Festa ta' Santa Marija
Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu 2008

Kull wieħed u waħda minna, anke bħala kollettività, għandna xi forma ta' kejl biex inkunu nistgħu niġġudikaw jekk l-għażliet li nagħmlu jew id-deċiżjonijiet li nieħdu jkunux għażliet u deċiżjonijiet tajbin. Imma meta nagħti ħarsa lejn is-soċjetà tagħna, nistaqsi lili nnifsi jekk huwiex il-waqt li nagħmlu valutazzjoni ta' dan il-kejl li aħna qed napplikaw.

1 • Il-kejl tal-għażliet tagħna

Għax jista' jiġrilna bħal dak il-bennej illi beda jibni dar kbira u sabiħa, imma billi l-istrumenti li kien juża biex ikejjel bihom kienu ħżiena, meta wasal biex jagħlaq id-dar sab illi l-ħitan li bena ma jaqblux ma' xulxin, u allura d-dar ma setgħetx tiġi kompluta.

Issa aħna mhux binja materjali għandna f'idejna; aħna responsabbli mill-binja tal-persuna. Il-persuna nħarsu lejha fil-kuntest tal-familja; u l-familja tinsab fil-kuntest tas-soċjetà. F'dawn il-binjiet ma nistgħux nirriskjaw illi jkollna żball fl-istrumenti li normalment nużaw biex inkejlu bihom. Waqt li kont nikkontempla lill-Assunta, inħoss li nebbħitni kif il-figura tagħha, l-esperjenza tagħha, tista' toffrilna assigurazzjoni tal-kejl li aħna rridu nħaddnu. Dwar liema kejl qed nitkellem?

2 • Antropoloġija Kristjana: il-bniedem maħluq minn Alla

Hemm mistoqsija fundamentali li rridu nwieġbu, għax kull għażla jew deċiżjoni li nagħmlu tiddependi mit-tweġiba li nagħtu: min hu l-bniedem? X'kunċett għandna tal-persuna umana? Id-deċiżjonijiet u l-għażliet li jsiru – kemm dawk li jirrigwardaw l-individwu, il-familja, u l-politika, jiġifieri l-organizzazzjoni tas-soċjetà – jiddependu minn din ir-*riegla*: x'nifhmu meta ngħidu "il-bniedem" jew "il-persuna umana".

L-epoka li qegħdin ngħixu fiha, hekk imsejħa post-moderna, għandha kriżi antropoloġika: ma tafx min hu l-bniedem. Hija konfuża dwar x'nifhmu bil-bniedem. Għalhekk ma nistagħġibx li huma anke konfużi u jikkonfondu l-għażliet u d-deċiżjonijiet proposti jew li tagħmel is-soċjetà. Għandna antropoloġija dgħajfa. Waħda mill-kawżi ta' din id-dgħufija hija għarfien fqir li għandna ta' min hu Alla. Għaliex biex nagħrfu l-bniedem, ma nistgħux niżganċjawh minn Alla.

Quddiem din ir-realtà aħna bħala komunità Nisranija għandna proposta x'nagħmlu. Aħna għandna patrimonju, imsaħħaħ u elaborat b'mod partikulari mill-qaddej ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II, illi jitkellem dwar l-antropoloġija personalistika: aħna nħarsu lejn il-bniedem bħala suġġett-persuna li għandha d-drittijiet inaljenabbli tagħha. Fid-dawl tal-antropoloġija bibblika Kristjana, aħna nagħrfu kemm hu kbir il-bniedem. Kull bniedem huwa oġġett tal-imħabba infinita ta' Alla. Kristu, li huwa l-"imago expressa" ta' Alla, meta fil-milja taż-żmien twieled fostna minn din il-mara, mill-Assunta, huwa wera lill-bniedem x'inhi d-dinjità u l-ġmiel tiegħu – dinjità u ġmiel li huma rifless tal-ġmiel li hemm f'Alla l-Imbierek.

3 • Kristu jirrirfletti l-ġmiel ta' Alla

Allura l-proposta li tagħmel il-komunità Nisranija f'dan il-kuntest hija dik tal-antropoloġija fid-dawl taż-żmien fl-eternità, fejn Kristu, l-Iben ta' Alla, li huwa l-impronta u s-sustanza tal-ġmiel li hemm f'Alla, ilibbes lil kull bniedem u dak kollu li jmiss mal-bniedem u kull esperjenza umana b'dan il-ġmiel.

Dostoevsky fir-rumanz tiegħu *L-Idjota* jgħid illi "il-ġmiel isalva lid-dinja". U Solzhenitsyn, f'diskors li għamel meta rċieva l-Premju Nobel, jgħid illi l-ħajja umana qisha siġra bi tliet fergħat: fergħa minnhom tirrifletti

www.gozocathedral.org.mt

x'inhu l-veru; imma llum hemm min irid jaqtagħha dik il-fergħa għax huwa allerġiku għall-verità! Hemm il-fergħa ta' x'inhu it-tajjeb: gwida etika għall-għemil tal-bniedem; imma anke din il-fergħa ma tantx hi popolari llum li mdorrijin f'relativiżmu etiku u morali. Fadal fergħa waħda: dik tal-ġmiel. Meta l-bniedem għażel li jista' jgħaddi mingħajr il-*verum* [il-veru] u l-*bonum* [it-tajjeb], forsi dak li huwa *pulchrum* [sabiħ] għadu jappella.

Għalhekk l-antropoloġija Kristjana għandha dan il-messaġġ x'tikkomunika lill-bniedem ta' llum: fid-dawl ta' Kristu l-Feddej, il-bniedem huwa jikseb għarfien ta' dan il-ġmiel. L-aqwa ġmiel ma jinsabx għand il-kreaturi imma f'Alla li huwa l-istess *pulchritudine*. Huwa Dak, jgħid il-Ktieb tal-Għerf, li għamel il-ġmiel (ara Għerf 13,3).

Dan il-ġmiel għandu l-impronta tiegħu fi Kristu, li kif jgħid is-Salmista, huwa l-isbaħ fost ulied il-bnedmin (ara Salm 45,3). San Tumas jgħidilna li Kristu mhux biss huwa r-rifless tal-qdusija u l-ġmiel etern li hemm f'Alla, imma huwa jlibbsu u jgħaddih lill-omm tiegħu u l-omm tagħna: qaddisa, mifdija u kollha ġmiel. Għalhekk nippreżentalkom lil Marija Assunta bħala dik il-mara mlibbsa bil-ġmiel ta' Kristu. Marija hija waħda mill-ġeneru uman. Hija waħda minna illi fiha jidher il-ġmiel illi bih libbisha Alla sa mit-tnissil tagħha.

Il-Papa Pawlu VI, f'Kungress Marjoloġiku Internazzjonali li sar f'Ruma fl-1975, appella biex nilmħu f'Marija mhux biss il-*via veritatis* (it-triq tal-verità), frott ta' riflessjoni teoloġika, li twassalna għand Alla; imma niskopru fiha l-*via pulchritudinis* – it-triq tal-ġmiel li wkoll tista' tgħinna niskopru lil Alla. Din tista' tkun triq illi tinterressa lil ħafna! Kien jixraq illi fil-glorja tagħha l-Assunta tiddi b'dan il-ġmiel għall-ġeneru uman. Santa Marija hija sabiħa b'mod estetiku imma hija aktar sabiħa b'mod teoloġiku u spiritwali. Hi li hija t-*Theotokos*, *Tuttasanta* u mingħajr ebda tebgħa u tikmixa, tasal biex tipproponi lill-bniedem it-triq tal-ġmiel li minnha jgħaddi biex jiskopri l-ġmiel tiegħu nnifsu u l-ġmiel etern li hemm jistennieh għand Alla.

4 • Fil-misteru tal-Assunta jidher il-ġmiel tal-bniedem maħluq xbieha ta' Alla

Fil-Verġni Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, nilmaħ lil Alla l-Imbierek ilibbes lill-bniedem sħiħ b'dik is-sbuħija li biha kien libbsu fil-ġnien tal-Għeden. Imma l-bniedem deherlu li seta jinża' dan il-ġmiel. F'dan il-jum sabiħ, inħallu lill-Assunta turina x'inhi din l-antropoloġija Kristjana, x'inhu dan il-ġmiel tal-bniedem, biex imbagħad inkunu nistgħu niksbu dak il-kejl li jassigurana li d-deċiżjonijiet li nagħmlu jkunu deċiżjonijiet illi jirriflettu dak li huwa veru u dak li huwa tajjeb.

Il-Vergni Marija mtellgħa is-sema bir-ruħ u l-ġisem għandha messaġġ qawwi li jgħin lill-bniedem jagħraf li hu *imago Dei* – xbieha ta' Alla. Meta Kristu tella' lil Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem fejn ġiet milqugħha mill-Missier u mill-Ispirtu s-Santu, fil-persuna ta' Marija t-Trinità Mqaddsa kienet qed tilqa' lill-bniedem sħiħ – lil kull bniedem! Għax Alla ħalaq il-bniedem "xbieha tiegħu" biex jgħix għal dejjem, u bil-qawwa ta' Kristu Feddej il-bniedem jista' jipparteċipa minn din ir-rebħa assoluta fuq il-mewt u taħsir tal-mewt u jgħix għal dejjem.

5 • Id-dnub ikisser il-ġmiel tal-pjan ta' Alla għall-bniedem

Jekk Alla huwa sabiħ, il-bniedem maħluq xbieha tiegħu suppost jirrifletti dak il-ġmiel ta' Alla u dak l-ordni li hemm f'Alla. Imma l-bniedem fid-dgħufija tiegħu jirribella kontra Alla u jitfa' wara spallejh dak il-ġmiel biex ixidd libsa oħra: natura umana mwaqqgħa. Il-bniedem jagħżel illi jmur kontra l-proġett u r-rieda ta' Alla. L-esperjenza umana rrakkontata fil-Ġenesi mhix esperjeza limitata għal Adam u Eva. Tista' tkun l-esperjenza tagħna lkoll. Aħna maħluqin xbieha ta' Alla. Imma l-libertà li żejjinna biha Alla nistgħu nużawha ħażin. Nistgħu nirribellaw kontra r-rieda u l-proġetti ta' Alla. Jekk nagħmlu din l-għażla, inkunu qegħdin ninżgħu l-ġmiel u niċċappsu bit-tebgħa tad-dnub. Id-dnub huwa kull kruha li hemm fil-ħajja individwali, fil-ħajja tal-familja, fil-ħajja soċjali u fil-ħajja tal-Knisja.

Fl-Għeden il-bniedem mhux biss neża' l-ġmiel li libbsu Alla, imma neżża' wkoll lil ħutu! Kajjin neħħa l-ħajja ta' ħuh Abel u għamel ġerħa lill-familja tiegħu! Il-ġmiel jirrifletti ruħu meta hemm ħajja komunitarja, meta hemm l-għaqda bejn l-aħwa. Meta l-ispirtu komunitarju fil-ħajja soċjali u familjari, imma aktar u iktar fil-ħajja tal-komunità

KULTURA

www.gozocathedral.org.mt

ekkleżjali huwa frantumat, dan ikun ta' dannu serju ħafna, għaliex inkunu qegħdin intebbgħu l-ġmiel tal-poplu ta' Alla – inkunu qegħdin ninżgħu minn dan is-sebħ ta' Alla li jidher b'mod qawwi fl-Assunta.

6 • Il-familja u ż-żwieġ fit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II

Imma llum nistedinkom tirriflettu dwar esperjenza oħra fundamentali fil-ħajja umana li Alla jlibbisha wkoll bis-sebħ tiegħu. Qed nitkellem dwar dik l-esperjenza ta' mħabba u ta' ħajja li jagħmlu raġel u mara meta jidħlu għall-esperjenza taż-żwieġ u tal-familja. Din hija wkoll parti mill-antropoloġija Kristjana. Din ukoll tiddependi minn x'kunċett għandna ta' bniedem.

Iż-żwieġ u l-familja mhumiex ħolqien tal-bniedem. Il-bniedem jista' joħloq forma li b'xi mod isejħilha żwieġ jew familja. Imma "fil-bidu" x'kien iż-żwieġ? Meta l-Lhud jiġbdu l-attenzjoni ta' Kristu li Mosè kien ikkonċedilhom il-ktiba tad-divorzju, Ġesù jippreċiża li "kien minħabba l-ebusija ta' qalbhom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom, iżda fil-bidu ma kienx hekk" (Mt 19,8). Fil-bidu x'ifisser? X'inhi r-rieda ta' Alla għall-bniedem u għal dik il-komunità li tissejjaħ familja mibnija fuq żwieġ?

Il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Pastorali *Il-Knisja fid-Dinja ta' Llum* (*Gaudium et spes*), għandu paragrafi sbieħ ħafna dwar iż-żwieġ u l-familja: "L-għaqda intima tal-ħajja u tal-imħabba bejn il-miżżewġin, mwaqqfa minn Alla fil-ħolqien u regolata b'liġijiet proprji, titwaqqaf fuq il-patt taż-żwieġ, jiġifieri fuq il-kunsens personali u irrevokabbli. Hekk, b'att uman li bih il-miżżewġin jagħtu lil xulxin u jirċievu lil xulxin, istituzzjoni diġà stabbli b'liġi ta' Alla tibda sseħħ ukoll quddiem is-soċjetà" (n. 48).

Allura, ladarba ż-żwieġ huwa istituzzjoni li teżisti sa mill-bidu tal-ħolqien, ma nistgħux ngħidu li hija esperjenza speċifikament Kristjana. Min jgħid illi d-diskors u l-proposta tal-Knisja dwar iż-żwieġ u l-familja hija proposta konfessjonali mhux korrett, għaliex kien sa mill-bidu tal-ħolqien li Alla riedhom raġel u mara jingħaqdu flimkien fiż-żwieġ b'kunsens irrevokabbli. Kunsens irrevokabbli jfisser bħal dawk l-esperjenzi li normalment nagħmlu fil-ħajja ċivili tagħna. Min minna jagħmel kuntratt imbagħad b'mod unilaterali jfettillu jħassar dak il-kuntratt? Iż-żwieġ huwa kuntratt, u aktar minn hekk!

Permezz tal-Konċilju, il-Knisja tkompli tfisser il-ġmiel taż-żwieġ u l-familja meta tgħid illi din l-esperjenza hija ta' ġid għall-istess miżżewġin, għall-ulied u għall-istess soċjetà.

Kristu ma jibqax passiv quddiem din ir-realtà, imma jgħolli din l-esperjenza umana għall-esperjenza ta' sagrament. "Is-Salvatur tal-bnedmin u l-Għarus tal-Knisja jiltaqa' mal-miżżewġin insara fis-sagrament taż-żwieġ. Jibqa' wkoll magħhom biex kif huwa ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għaliha, hekk ukoll il-miżżewġin jinħabbu bejniethom b'fedeltà li ma tiġix nieqsa billi jagħtu ruħhom lil xulxin. L-imħabba vera bejn il-miżżewġin tingħaqad ma' l-imħabba ta' Alla u hija msaħħa u mogħnija bil-qawwa feddejja ta' Kristu u bl-għemil tas-salvazzjoni tal-Knisja biex il-miżżewġin jitwasslu tassew lejn Alla u jkollhom għajnuna u qawwa fil-missjoni għolja ta' missier u omm. Għalhekk il-miżżewġin insara huma msaħħin u bħal ikkonsagrati b'sagrament speċjali għad-dmirijiet u d-dinjità tal-istat tagħhom" (*Gaudium et spes*, n.48).

Dan ifisser li lill-miżżewġin insara, illi għandhom l-istess kunċett taż-żwieġ li għandhom ma' ħuthom il-bnedmin kollha, Kristu jagħtihom il-grazzja tas-sagrament ħalli jsaħħaħhom u jgħinhom biex din l-esperjenza jgħixuha fil-milja tagħha. Imma għaliex iż-żwieġ tan-nisrani huwa sagrament dan ma jfissirx illi l-pedament taż-żwieġ tagħna huwa differenti minn dak taż-żwieġ naturali. Dan huwa l-ġmiel li jeħtieġ ngħożżu, biex ma ngħidx nirkupraw – għax xi drabi jidher li qed nitilfuh!

Il-Konċilju Vatikan II għandu kelma qawwija għall-awtorità ċivili meta jgħid li "huwa dmir sagru tagħha li tagħraf in-natura vera taż-żwieġ u l-familja, tiddefendihom u tmexxihom 'il quddiem, li tħares il-moralità pubblika u li tgħin il-prosperità tal-familja" (*Gaudium et spes*, n.52). Dan bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li l-Konċilju jrid li min hu fl-awtorita ċivili jkun konfessjonali. Imma għax il-Knisja temmen li din l-esperjenza umana hija ta' ġid kbir għall-bniedem u għas-soċjetà, hija tħeġġeġ lil dawk li għandhom xi influwenza fis-soċjetà biex iħħarsu dan il-patrimonju uman.

www.gozocathedral.org.mt

LILL-KAPITLU TAL-KANONĊI TAL-KATIDRAL

Silta minn diskors magħmul
f'laqgħa mal-Kapitlu tal-Katidral ta' San Lawrenz, Ġenova
il-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2008

Intom, għeżież membri tal-Kapitlu tal-Kanonċi tal-Katidral, li fi ħsiebkom għandkom l-azzjonijiet liturġiċi li jsiru hawn, ftakru li hu mit-talba personali u liturġika li kollox jieħu l-qawwa fina. Kien mill-ġdid il-Kardinal [Giuseppe] Siri [Arċisqof ta' Ġenova, 14 ta' Mejju, 1946 – 6 ta' Lulju, 1987] li saħaq li "l-azzjoni l-iktar veneranda u l-iktar qaddisa li ssir fi djoċesi u għalhekk denja ta' kull konsiderazzjoni u attenzjoni, ta' kull unur u distinzjoni, hi ċ-ċelebrazzjoni solenni tal-Uffiċċjatura Divina [ir-reċita tal-Uffizzju fil-kor] jiġifieri dak li tagħmlu intom… Id-djoċesi kollha, u sa ċertu sens il-Knisja kollha, titlob bix-xufftejn tagħkom. Id-dejn tal-familja djoċesana tal-Kristjani jkun l-iktar imħallas fil-preżenza ta' Alla bit-talba tagħkom".

Mill-original bit-taljan:
Voi, cari membri del Capitolo dei Canonici della Cattedrale, curando le azioni liturgiche che qui si svolgono, ricordate che tutto in noi trae vigore dalla preghiera personale e liturgica. È ancora il Cardinale Siri a sottolineare che "la azione più veneranda e più santa, degna di ogni considerazione e riguardo, di ogni onore e distinzione che si compia in una Diocesi, è la celebrazione solenne della Ufficiatura Divina, ossia è quello che fate voi… L'intera Diocesi, ed in un certo senso l'intera Chiesa, prega per le vostre labbra. Il debito della famiglia diocesana dei fedeli viene assolto nei confronti di Dio anzitutto con questa Vostra pregiera" (Lettera Pastorale ai Canonici, *Verso il Congresso del "Culto del Signore"* [24 Gennaio 1953]).

(ikompli d-diskors tal-isqof Mario Grech)

7 • Marija tgħinna niżżejnu bil-ġmiel ta' Alla
Fl-Assunta mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, nilmaħ lil Kristu qiegħed jgħolli mhux biss lill-persuna umana – kif għidna aktar 'il fuq, imma qed jgħolli wkoll din l-esperjenza profondament umana u jlibbisha bil-ġmiel li tilfet maż-żmien minħabba l-ebusija tal-qalb umana.

Din hija t-talba li jiena nagħmel lil Santa Marija f'din il-ġurnata. Hija ġurnata fejn il-Knisja kollha tieqaf titfa' ħarsitha fuq dik li hija gglorifikata u mlibbsa bil-ġmiel. Nitlobha biex lilna tagħmlilna kuraġġ ħalli quddiem il-kruha u t-tbajja tagħna jew tal-oħrajn, ma naqtgħux qalbna imma nimxu din it-triq tal-ġmiel li tipproponielna l-persuna ta' Marija. Hekk aħna wkoll individwalment, bħala familji, bħala soċjetà u bħala Knisja, inkomplu niżżejnu b'dan il-ġmiel ta' Alla.

8 • Missjoni Djoċesana
Kif ilkoll tafu f'Ottubru li ġej sejrin nagħmlu l-esperjenza ta' Missjoni Djoċesana. Nitlob lil Alla bl-interċessjoni tal-Vergni mbierka biex f'din il-missjoni lkoll jirnexxielna nixxennqu għal dan il-ġmiel ta' Alla, rifless fi Kristu u fil-Madonna. Hekk, filwaqt illi nbegħdu minna kull sfregju li nistgħu nagħmlu lill-bniedem, lill-ħajja miżżewġa, lill-ħajja soċjali, u lill-ħajja ekkleżjali jirnexxielna, bil-ġmiel li bih ilibbisna Alla l-Imbierek, inxennqu oħrajn għalih, nattiraw oħrajn sabiex huma wkoll jimxu minn din il-*via pulchritudinis* u jiksbu dak il-kejl tant importanti għall-ħajja tagħna.

www.gozocathedral.org.mt

ANGELO XUEREB

IT-TLUGH FIS-SEMA TA' MARIJA U L-EWKARISTIJA

Il-Verġni Marija ma ratx it-taħsir tal-qabar u ttellgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-persuna ta' Marija li serviet bħala l-ewwel tabernaklu ewkaristiku kien xieraq li bħal binha Ġesù tqum mill-imwiet.

L-ewwel tabernaklu

Nagħtu ħarsa lejn il-Liturġija tal-Qari ta' din il-festa u naraw kemm dan is-suġġett joħroġ ċar. Fl-ewwel qari tal-Quddiesa tal-Vġili nsibu r-rakkont ta' meta David ħa b'mod solenni l-arka fil-post li waqqaf għaliha f'Ġerusalemm. Fl-arka kien hemm it-twavel li Alla ta lil Mosè bil-kmandamenti fuqhom, bieqja bil-manna u l-ħatar ta' Arun. Bla dubju ta' xejn dawn kienu ta' importanza mill-akbar għall-poplu Lhudi.

Marija hija l-Arka tat-Testment il-Ġdid. Għal disa' xhur hija ġarret f'ġufha lil Sidna Ġesù Kristu, li huwa aktar għażiż mill-ħwejjeġ tant għeżież li kellha fiha l-Arka tat-Testment il-Qadim. Fl-Evanġelju tal-Vġili nsibu t-tifħir lil Marija li waħda mara qalet lil Ġesù: "Waqt li Ġesù kien qiegħed ikellem lin-nies, kien hemm waħda mara li refgħet leħenha minn qalb il-folla u qaltlu: 'Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!'" (Lq 11, 27). U mbagħad fl-Evanġelju tal-jum insibu ż-Żjara ta' Marija fid-dar ta' Żakkarija u Eliżabbetta. Fil-vjaġġ tagħha minn Nażaret sa Għajn Karem, naraw l-ewwel purċissjoni ewkaristika. Fil-ġuf ta' Marija kien hemm il-'Verbum Dei' jiġifieri Sidna Ġesù Kristu, it-tieni persuna tat-Trinità. Għalhekk Marija b'Ġesù f'ġufha ġabet ferħ li ma jistax jitfisser fid-dar ta' Żakkarija.

L-Ewkaristija rahan tal-ħajja ta' dejjem

Hemm rabta mill-aktar intima bejn l-Ewkaristija u l-qawmien mill-imwiet. Dan jgħidu Sidna Ġesù Kristu stess: "Issa r-rieda ta' min bagħatni hija din: li jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, iżda li nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missieri: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem u jien inqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (Ġw 6, 39-40). Hawnhekk Ġesù kien qiegħed jitkellem mill-Ewkaristija bħala rahan tal-ħajja ta' dejjem.

Jekk min jirċievi l-Ewkaristija għandu din il-wegħda tassew kbira, kemm aktar Marija kien jixirqilha li tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem: hija serviet tal-ewwel tabernaklu għal Ġesù. Mhux biss serviet tal-ewwel tabernaklu iżda rabbiet lil Ġesù, ħabbitu bi mħabba bla tarf, iżda kienet lesta li toffrih bħala sagrifiċċju fuq il-Kalvarju. Bi kliem li jqanqal San Ġwann Dammaxxenu jikteb:

Kien jeħtieġ li dik li fit-twelid ta' Binha żammet bla mittiefsa xbubitha, wara mewtha żżomm bla mittiefes ġisimha. Kien jeħtieġ li dik li ġabet fi ħdanha bħala Binha lil dak li jista' kollox, ikollha l-għamara tagħha ma' Alla. Kien jeħtieġ li l-għarusa li l-Missier għażel għalih, tgħammar għal dejjem f'kamartu. Kien jeħtieġ li dik li rat lil Binha msallab, li dakinhar nifdilha qalbha s-sejf tan-niket li ma nifdilhiex fi twelidu, tarah ukoll fil-lemin tal-Missier. Kien jeħtieġ li l-Omm ta' Alla jkollha dak kollu li hu ta' Binha, u tkun meqjuma mill-ħlejjaq kollha bħala Omm Alla u qaddejja tiegħu (Ara Papa PIJU XII, Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* (1 ta' Novembru 1950): AAS 42 (1950) 760-769).

Marija mudell ta' mħabba lejn l-Ewkaristija

Marija hija verament mudell ta' fidi fl-Ewkaristija. Kieku ma kienx hekk ma kinitx ser tmur fuq il-Golgota u toffrih bħala sagrifiċċju għad-dnub tad-dinja. Hija kienet kontinwament timmedita l-persuna ta' Ġesù. L-Evanġelju ta' San Luqa jgħidilna: "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (2,19).

Biex wieħed jersaq lejn l-Ewkaristija jrid ikun umli. U f'dan ir-rigward il-Verġni Marija hija mudell. Meta l-anġlu Gabriel stedinha biex issir Omm Alla hija laqgħet lil Sidna Ġesù Kristu b'umiltà liema bħalha tant li qaltu: "Hawn hija l-qaddejja tal-Mulej, ikunli skond kelmtek" (Lq 1,38). Hija baqgħet umli fir-relazzjoni tagħha ma' Ġesù. Hija dejjem obdiet lil Alla anki f'ċirkustanzi li ma setgħetx tifhimhom. Għaliha Ġesù kien teżor. Iżda hija għożżitu u ħabbitu skont kif riedha Alla. Jekk fit-tħabbira tal-Mulej naraw lil Marija tilqa' b'fidi lil Ġesù fi ħdanha, fuq il-Kalvarju nerġgħu narawha tagħtih lura lil Alla.



www.gozocathedral.org.mt

Fl-Evanġelju tal-festa tal-Assunzjoni naraw lil Marija tara lil Ġesù wkoll fil-proxxmu. Hija ma tkabbritx li kienet ser issir Omm Alla, iżda marret għand Eliżabbetta biex tgħinha fil-qadi tal-ħajja ta' kuljum. Quddiem il-misteru tal-Inkarnazzjoni ma tkabbritx, ħaġa li tista' tiġri fil-ħajja spiritwali, hekk li San Ġwann tas-Salib jitkellem mis-suppervja spiritwali.

Lejn il-qawmien

Dawk l-għeġubijiet kbar li għamel Alla ma' Marija, jagħmilhom ukoll magħna naturalment bi grad anqas. Nirriflettu ftit. Jekk Alla ma ħalliex lil Marija tiċċappas bid-dnub oriġinali, lilna jagħtina l-grazzja tal-magħmudija li taħfrilna d-dnub tan-nisel. Jekk Alla ta l-grazzja li Marija ssir l-Arka tat-Testment il-Ġdid, jistieden ukoll lilna biex nirċievu lil Ġesù Ewkaristija. U jekk Alla qajjem lil Marija mill-mewt bir-ruħ u l-ġisem, lilna wkoll qiegħed iwegħidna l-ħajja ta' dejjem jekk immutu fil-grazzja ta' Alla u l-qawmien mill-imwiet b'ġisem glorjuż fl-aħħar jum.

Santu Wistin jgħidilna: "Dak li ħalqek mingħajrek ma jsalvakx mingħajrek". U għalhekk f'din il-festa nġibu quddiem għajnejna lil Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-sema. Niftakru kemm Alla jridna nimxu fuq il-passi tagħha billi nħobbu aktar lil Kristu, biex naslu f'Ġerusalemm tas-sema.

Ma nistgħux inħobbu lil Kristu mingħajr il-fidi u l-umiltà. Infatti meta nersqu għat-tqarbin ma naraw xejn ħlief ostja u ma nħossu xejn. Iżda l-fidi u l-umiltà jgħinuna nemmnu dak li ma narawx.

Nistgħu nitmitaw lil Marija fl-imħabba tagħha lejn Ġesù billi nitqarbnu aktar bi mħabba lejh, filwaqt li nagħmlu ftit tar-ringrazzjament wara. Ma ninsewx li l-Ewkaristija hija tant kbira li tlaqqagħna mal-istess Ġesù li kien hemm fil-ġuf ta' Marija, u li twieled u kiber sakemm mar għall-passjoni minħabba fina.

U fuq kollox inkunu nħobbu lil Ġesù meta nagħmlu karità mal-proxxmu kif għamlet Marija meta marret għand Eliżabbetta.

Souvenirs ġodda tal-Katidral u ta' Santa Marija:

Għadhom kif waslu mill-Italja xbihat ta' Santa Marija stampati fuq it-tiela...kif ukoll arazzi bil-koppla tal-Katidral li huma tassew sbieħ.

Wieħed jista' jakkwista minnhom

mis-souvenir shop tal-Katidral

mit-Tnejn sas-Sibt mid-9:30am - 5.00pm.

www.gozocathedral.org.mt

MARY MEYLAK

IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Int, Santa Marija – Sultana ta' qlubna,
Telegħtek fis-sema – hi ferħ kullimkien,
Ġol-beraħ tal-arja – int qisek il-ġojja
Imdendla fuq sider – minn għonq il-ħolqien!

O Santa Marija – il-għaxqa tal-ħlejjaq,
Int, Santa Marija – il-mimmi t'għajnejna,
In-nifs, is-serħ tagħna – bik rasna merfugħa,
Il-kenn ta' kull biża' – il-lewn ta' ħaddiema!

Ma' Santa Marija- – hawn ferħ ġo żmienna,
Minn rokna sa rokna – mill-wisa' u minn tulha,
Il-għajta ferrieħa – li toħroġ weħidha
Fl-ibliet u ġox-xagħri – fl-għoljiet u fl-irħula!

Nhar Santa Marija – hu l-Għid ta' Awwissu,
Thaxwix ta' ħarir – u fġoġ ta' lbies,
Qubbajt u tiġrija – ġelat, terramaxka,
Sparar, dwal u banda – il-festa tan-nies!

Hemm "Santa Marija!" – ġo l-għanja tal-qniepen
Stagħġiba u tixniqa – fil-qalb ta' kulħadd!
Is-"Santa Marija!" – mal-"Ora pro nobis!"
Il-għajta li f'Malta – ma taqta' qatt qatt!

O Santa Marija – Qaddisa Omm Alla,
Tifħir Malta tinseġ – mal-innu tal-fewġa,
Il-mant ikħal tiegħek – issokta ifirxu
Dwar artna u ejj'insġu – ġol-ilma tal-mewġa!

Bik, Santa Marija – nħossuna minfuħa
Imkabbra u ferħana – għax tiegħek l-ulied;
Biss, Santa Marija – il-festa ġo Malta
Li ssir mhux għal darba – għal għaxar darbiet!

mill-*Leħen is-Sewwa* (14 ta' Awwissu 1943) p. 2.

www.gozocathedral.org.mt

DUN GEORGE MERCIECA

RAJTUHA?

Rajtuha tittajjar
Bil-ġwienaħ tal-ajkla,
Tisseqqer fis-sema
Mimlija bil-ġmiel?
Rajtuha titfagħlna
Mill-għoli kull grazzja
Biex taħji lil artna
Bħax-xita bil-qliel?

Rajtuha setgħana
Tissielet mal-għadu
Li ried iċappasha
Kif ħebb għall-għarqub?
Rajtuha tgħaffiġlu
Ir-ras iebsa tiegħu,
U tibqa' nadifa,
Bla tebgħa ta' dnub?

Rajtuha hemm tiżżarġan
Bl-ilwien tal-qawsalla
'Il fuq mis-sħab għoli
Qalb l-ikħal bħan-nir,
U tinżel titqabeż
Fuq mewġet il-baħar
Bħal ħuta ħafifa
Li togħdos u ttir?

Rajtuha tiddawwal
Bix-xemx hi u nieżla
Kif tixref għall-festa,
Hekk kif tkun fil-bieb;
U x-xemx issellmilha
Xħin tħalli l-post tagħha
Lill-qamar u l-kwiekeb
U l-jum ikun dieb?

Rajtuha xħin tasal
Biex tidħol mill-mixja
U jixgħel is-sema
B'kull xorta ta' nar,
Li jiftaħ fil-għoli
Bħal vampa ħuġġieġa,
U jikser id-dalma
Bħal siġra bin-nwar?

Rajniek, O Marija,
U bqajna mistagħġba
Bis-seħer ta' wiċċek,
Bl-ilwien ta' ħaddejk!
Rajniek, o Marija.
Qalb dija li tgħammex
Mir-raxx blu li joħroġ
Mill-ħbub sbieħ t'għajnejk.

Rajniek bl-ifjen libsa
Għall-Festa t'Awwissu,
Li xxidd ta' kull sena
Nhar Jum il-Ħmistax;
U l-anġli ferħana,
Ħdejk jiġu jistkennu,
Jinsġulek kuruna
Ta' kant ma jaqtax.

Rajniek tiftaħ beraħ
Dirgħajk bħal biex tgħannaq
Lil Alla li ħalqek
U tellgħek hemm fuq;
Għajnejk fih mitlufa
Xħin qomt minn ġol-qabar,
Mir-raqda mistrieħa,
Kif sar ħin it-tluq.

Victoria, 29.07.2008

KULTURA

www.gozocathedral.org.mt

DUN ĠUŻEPP SALIBA

ŻMIEN TA' FERĦ U FESTA

Hekk kif qomt filgħodu kmieni
Ġieni ħsieb li nikteb vers;
Għidt jien waħdi, kif ser nagħmel
F'dan il-jum, tassew divers.

Ma qtajtx qalbi, bdejt fis nikteb
Vers minn hawn u vers minn hemm,
L-ideat bdew issa jiġu,
Ħsibijieti bdejt intemm.

Ma kienx faċli wara ħafna
Li kont ilni bla ma nikteb,
Għax il-muża kienet raqdet,
Bżajt li liha nerġa' nikseb.

Alla miegħi, bdejt jien naħseb
F'dan il-jum hekk wisq sabiħ,
Bil-kant ħlejju tal-għasafar,
B'sema safi, jum bla riħ.

Qegħdin issa f'nofs is-sena,
Ġa xi festi kienu magħna,
Poplu sħiħ jiġri warajhom,
Dak li jbigħ, xi ftit jistagħna.

Magħhom tiġi wkoll l-Assunta,
Festa kbira kullimkien;
Dinja kollha tiffesteġġja
U nifirħu sew flimkien.

Għax l-Assunta jistħoqqilha,
Ukoll f'Malta, kullimkien,
Issirilha festa kbira,
Kif bħas-soltu, dejjem kien.

Nitfgħu ħarstna lejn il-Maqdes
Illi għandna qalb is-Swar,
Dan bil-kbir imur jiżżejjen,
Kif ukoll toroq madwar.

U min-niċċa, ix-Xemx toħroġ
Fost kant ħlejju ta' kulħadd,
Li għal dina l-okkażjoni
Ikun hemm, ħlejjaq bla għadd.

Kemxa flus ukoll tinġabar
Biex il-festa tkompli tikber;
Daqq tal-Banda jakkompanja,
B'dan il-ġemgħa, bil-wisq tisker.

F'nofs il-knisja mbagħ'd titqiegħed
Fuq bankun taħt pavaljun,
Li dak ġmielhom opra kbira,
Wisq għall-qalb tan-nies tal-Ljun.

Daqq tal-qniepen ukoll tisma'
Minn ta' Taylor fil-kampnar;
Dan iġennen 'l Għawdex, Malta
Kemm billejl u kemm binhar.

U xi ngħidu għall-murtali
Li jittellgħu minn Gelmus,
Ħsejjes kbar fil-għoli jagħmlu,
Poplu sħiħ warajh isus.

Imbagħ'd jasal jum il-Festa
Popli sħaħ jiġu jarawna,
Barranin ukoll jaslulna,
Dawna dejjem, prosit tawna.

Oh! Xi ġmiel tara l-Assunta
Dak il-ħin li fil-bieb tixref,
Biex din wara, f'purċissjoni,
Ferħ bid-dmugħ tal-ġemgħa tikxef!

Ejjew mela hawn nifirħu
Magħqudin tassew flimkien,
Taħt il-mant tagħha l-Assunta,
B'Alla f'qalbna, kullimkien.

24 ta' Settembru 2008

www.gozocathedral.org.mt

KAVALIER JOE M. ATTARD

IL-GHID TAL-ASSUNTA

F'nofs Awwissu reġgħet waslet
l-ikbar festa tal-Għawdxin –
Jum l-Assunta, Verġni Mbierka,
Omm ta' kollha l-midinbin.

Għal dil-festa minn kull rokna
kemm ta' Għawdex, kemm Maltin
tara n-nies toħroġ bi ħġarha
u jingħaqdu mar-Rabtin,

biex jifirħu, jiddevertu
ħalli jgawdu l-marċijiet
kollha briju u kuluri –
ma jonqsux il-grokkijiet!

U ma' tul Triq ir-Repubblika
tara jsiru t-Tiġrijiet;
fihom jiġru l-aqwa bhejjem
jippikaw għall-paljijiet.

Villa Rundle tilqa' fiha
ħluq ta' nies minn kullimkien
biex jaraw il-Wirja Agrarja
illi ilha ssir iż-żmien.

It-triqat ta' Beltna jilbsu
bandalori u festuni,
statwi, bnadar, pedistalli;
bil-ġmiel tagħhom isaħħruni!

U fil-Knisja Katidrali
mgħassa sewwa mill-Kastell,
festi jsiru lill-Assunta
illi mqiegħda taħt mantell,

Lilna ssejjaħ biex immorru
inżuruha f'dawn il-jiem
għax l-imħabba l'għandha għalina,
bl-ebda dubju m'għandhiex tmiem!

Għadni kont daqsxejn ta' sabi
meta x-xiħ missier ħadimlek
bl-ifjen ġewż, bradella artistika
biex unur biha ried jagħmillek.

Ommi wkoll, niftakar sewwa,
tibdel lilek, qatt, ma' xejn!
Għinhom issa O Marija
Tal-ħtijiet iħallsu d-dejn!

Beraħ ftaħt dirgħajk, Marija,
biex tilqagħna midinbin;
sakemm għadna f'din id-dinja
agħmel dlonk, jiemna henjin.

Meta mbagħad, in-numru jagħlaq
biex it-triq naqbdu għal ħdejk,
tħalliniex la nogħtru u naqgħu
'mma kun pronta ttina jdejk!

Sitt mija u ħdax (611) il-sena ilu, il-festa ta' Santa Marija kienet l-iktar festa importanti fil-kalendarju reliġjuż u soċjali tal-Maltin u l-Għawdxin. Dan nafuh minn dokument tas-sena 1398 miżmum fil-Arkivju tal-Istat, Palermo.

Il-festa ta' Santa Marija ta' Għawdex kienet kisfet il-festi kollha l-oħra li kienu jsiru Malta u Għawdex fl-istess jum. "Jekk hawn festa li ssir Għawdex u l-Maltin jagħmlu għaliha, din hija Santa Marija", kiteb Ġużè Cassar-Pullicino, studjuż, storiku, u folkloristika. Kompla li "xejn ma jiswa li dak inhar (fil-15 ta' Awwissu) jkun hawn seba' Santa Marijiet, jiġifieri Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, tal-Gudja, tal-Qrendi, tal-Imqabba, tal-Mosta, ta' Ħad-Dingli, u ta' Ħ'Attard. Biex tgħid li mort Santa Marija trid tmur Għawdex għall-festa" (ara *Il-Berqa* (15 ta' Awwissu 1947) paġna 7).

Santa Marija kienet il-festa ewlenija sitt mit sena ilu, 300 mit sena ilu, mit sena ilu, u hekk għadha sal-lum.

KULTURA

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- **Editorjal** – Ġrajja ta' swied il-qalb 3
- Mons Ġuzepp Attard – Messaġġ 4
- Joseph Bezzina – Il-Bennejja ta' tliet mitt sena ilu 5
- Winston L. Zammit – Anniversarji ta' Santa Marija 8
- Winston L. Zammit – Il-Bini tal-Awla Kapitulari l-Qadima 9
- Victor J. Galea – Sant'Orsla, Patruna ta' Għawdex 12
- Joseph Bezzina – Għeluq il-Ħamsin sena tal-Innu lil Għawdex 19
- Luke Bezzina – L-Ewwel Trasmissjoni ta' Oline TV minn Għawdex 21
- Ġanninu Cremona – Musbieħ għall-Riġlejja l-Kelma tiegħek 23
- George Mercieca – L-Aħħar Ċena f'Santa Barbra 25
- Carl Scerri – Nifirħu lil 23
- Joseph Bezzina – Mario Grech, Isqof ta' Għawdex - 25 Sena Saċerdot 29
- Paul Cassar – Il-Għaqda Qniepen Assunzjonisti - AD 1997 37
- John Mejlaq – Monsinjur Dun Ġwann Dimech 38
- Massimo Buttigieg – Djarju tal-Parroċċa tal-Katidral 40
- Kronaka tal-Parroċċa 48
- His Holiness Pope Benedict XVI – A Feast steeped in Paschal Joy 50
- Mario Grech – Il-Ġmiel tal-Bniedem u taż-Żwieġ 52
- Papa Benedittu XVI – Lill-Kapitlu tal-Kanonċi tal-Katidral 55
- Angelo Xuereb – It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija u l-Ewkaristija 56
- Mary Meylak – Il-Festa ta' Santa Marija 58
- Dun George Mercieca – Rajtuha?... 59
- Dun Ġuzepp Saliba – Żmien ta' Ferħ u Festa 60
- Kavalier Joe M. Attard – Il-Għid tal-Assunta 61

www.gozocathedral.org.mt

Ta' Dirjanu
SUPERMARKETS
VICTORIA & MARSALFORN

The natural choice for daily shopping.

Triq Qasam San Gorg, Victoria - Gozo.
Triq il-Qbajjar, Marsalforn - Gozo.
(+356) 21565927

www.gozocathedral.org.mt



BACK TO SCHOOL!
You will find all you need for next scholastic year at Kidzland.
School is FUN!
WHAT I NEED
- Satchel
- Pen and pencil
- Rubber and ruler
- Lunch box
- Drinking flask
- Colouring book
- Colouring pencils
- Crayons
- Water colours
- Copybooks
SPECIAL DISCOUNTS on all School Satchels
FREE Stationery Set with a purchase of any satchel
TOYS
Kidzland
BY MARKS & SIMONS
Mro. G. Giardini Vella Str, Victoria, Gozo. Tel: 2155 6431 Email: water@maltanet.net